



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.12.2018
COM(2018) 795 final

ANNEX

ANNEX

tal-

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI
EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Pjan Ikkoordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali

Pjan Ikkoordinat dwar l-Iżvilupp u l-Użu tal-Intelliġenza Artifiċjali Magħmula fl-Ewropa – 2018

L-intelliġenza artifiċjali (IA) tista' tgħinna nindirizzaw xi wħud mill-akbar sfidi tad-dinja. Tista' tippermetti lit-tobba jtejbu d-dijanjożi u jiżviluppaw terapiji għal mard li għalih dawn għadhom ma jeżistux; tista' tnaqqas il-konsum tal-enerġija billi tagħmel l-aħjar użu tar-riżorsi; tista' tikkontribwixxi għal ambjent iktar nadif billi titnaqqas il-ħtieġa ta' pestiċidi; tista' tgħin biex jitjeb it-tbassir tat-temp u jiġu antiċipati d-diżastri; u aktar. Il-lista prattikament ma tispiċċa qatt. L-IA se tkun il-mutur ewlieni tat-tkabbir ekonomiku u ż-żieda fil-produttività u se tikkontribwixxi lejn is-sostenibbiltà u l-vijabbiltà tal-bażi industrijali fl-Ewropa¹. L-IA qed tittrasforma d-dinja tagħna bħalma għamlu l-magni li jaħdmu bl-istim jew l-elettriku fil-passat.

L-Unjoni għandha l-għan li tiżviluppa IA li tiġi fdata abbażi ta' valuri etiċi u soċjetali msawra fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tagħha. In-nies mhux biss għandu jkollhom fiduċja fl-IA, iżda għandhom jibbenefikaw ukoll mill-użu tal-IA fil-ħajja personali u professjonali tagħhom. L-Ewropa għandha l-għan li toħloq ekosistema li tiffavorixxi l-innovazzjoni fil-każ tal-IA: ambjent fejn l-atturi ekonomiċi jsibu infrastruttura, faċilitajiet għar-riċerka, ambjenti tal-ittejtjar, mezzi finanzjarji, qafas legali u livelli ta' ħiliet adegwati biex jinvestu u jvaraw l-IA. **B'mod ġenerali, l-ambizzjoni hija sabiex l-Ewropa ssir reġjun minn ta' quddiem fid-dinja fejn tiġi żviluppata u varata IA mill-aktar avvanzata, sigura u etiċa, li tħeġġeġ approċċ fejn il-bniedem huwa ċentrali fil-kuntest globali.**

L-IA ilha ta' importanza kbira fuq l-aġenda tal-Kunsill tal-UE mindu sar is-Summit Diġitali organizzat mill-Presidenza Estonjana f'Settembru 2017. Il-Komunikazzjoni "L-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ewropa" tal-25 ta' April 2018² tipproponi strateġija Ewropea b'appoġġ għal dan l-għan. Il-Komunikazzjoni tipproponi wkoll pjan ikkoordinat dwar l-iżvilupp tal-IA fl-Ewropa³, li jrid jiffassal mal-Istati Membri sa tmiem l-2018. Dan ġie approvat mill-Kunsill Ewropew⁴. Dan id-dokument iwieġeb għal din it-talba. Ikun biss jekk l-Istati Membri u l-Kummissjoni jaħdmu flimkien li l-Ewropa jirnexxilha tbiddel il-viżjoni f'realtà.

¹ Il-Grupp ta' Livell Għoli ta' Strateġija dwar it-Teknoloġiji Industrijali rrakkomanda li l-IA tiġi inkluża bħala waħda mit-Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali minħabba l-potenzjal abilitanti trasversali tagħha li huwa kruċjali għall-industrija Ewropea.

² <https://publications.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/28e1c485-476a-11e8-be1d-01aa75ed71a1>
COM(2018) 237

³ Kif spjegat fil-Komunikazzjoni msemmija hawn fuq tal-25 ta' April 2018, l-intelliġenza artifiċjali (IA) tirreferi għal sistemi bi mgħiba intelliġenti u li janalizzaw l-ambjent tagħhom u jieħdu azzjonijiet – b'ċertu livell ta' awtonomija – biex jilhqnu miri speċifiċi. Is-sistemi bbażati fuq l-IA jistgħu jkunu purament ibbażati fuq softwer, billi jaġixxu fid-dinja virtwali (eż. assistenti bil-leħen, softwer ta' analiżi tal-immaġnijiet, magni tat-tiftix, sistemi ta' rikonoxximent tad-diskors u tal-wiċċ) jew inkella l-IA tista' tkun inkorporata f'apparati hardwer (eż. robots avvanzati, karozzi awtonomi, droni jew applikazzjonijiet tal-Internet tal-Oġġetti). Aħna qed nużaw l-IA fuq bażi ta' kuljum, eż. biex nitraduċu l-lingwi, niġġeneraw is-sottotitli fil-filmati jew nimblokkaw l-isjam tal-posta elettronika. Ħafna teknoloġiji tal-IA jeħtieġu *data* biex itejbu l-prestazzjoni tagħhom. Ladarba jaħdmu sew, dawn jistgħu jgħinu biex jitjeb u jiġi awtomatizzat it-tehd ta' deċiżjonijiet fl-istess dominju. Pereżempju, sistema tal-IA tiġi mħarrġa u mbaġħad tintuża biex tindividwa ċ-ċiberattakki fuq il-bażi ta' data min-netwerk jew mis-sistema kkonċernati.

⁴ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2018/06/29/20180628-euco-conclusions-final/>

Il-pjan ikkoordinat ikompli jibni fuq “dikjarazzjoni ta’ kooperazzjoni” li ġiet iffirmata mill-Istati Membri kollha tal-UE u min-Norveġja fil-kuntest tal-Jum Diġitali 2018⁵, filwaqt li jenfasizza r-rieda li jikkooperaw aktar mill-qrib dwar l-IA. Il-Presidenza Awstrijaka tal-UE inkludiet ukoll l-IA bħala prijorità fil-kuntest tat-trasformazzjoni tal-industrija⁶.

L-għanijiet ewlenin tal-pjan ikkoordinat huma li jiġi mmassimizzat l-impatt tal-investimenti fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, li jinkoraġġixxi sinerġiji u kooperazzjoni madwar l-UE, inkluż dwar l-etika, li jrawwem l-iskambju tal-aħjar prattiki u li kollettivament jiddefinixxi t-triq ’il quddiem. Billi naħdmu flimkien fl-Unjoni nistgħu nimmassimizzaw l-impatt tagħha biex tikkompeti globalment.

Il-Grupp tal-Istati Membri dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea u l-IA u l-Kummissjoni ddiskutew bejn Ġunju u Novembru 2018 dwar il-linji possibbli għal kooperazzjoni. Sabiex jakkomodaw il-pass mgħaġġel ta’ bidla ispirat mill-IA fis-soċjetajiet u fl-ekonomiji, l-Istati Membri, in-Norveġja u l-Iżvizzera qablu li jdaħħlu fis-seħħ pjan kontinwu kkoordinat li jrid jiġi mmonitorjat u rieżaminat kull sena, bl-għan li jiġi żgurat li jibqa’ aġġornat. Dan id-dokument huwa l-ewwel edizzjoni ta’ dan il-pjan u jinkludi prinċipalment attivitajiet għall-2019 u għall-2020, b’enfasi fuq l-attivitajiet ipplanati fil-livell tal-UE taħt il-qafas finanzjarju attwali. Il-pjan huwa mistenni li jibqa’ għaddej sad-deċennju li geġ, possibbilment sal-2027, b’mod konformi mal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss⁷.

Ħtieġa għal azzjoni kkoordinata ġiet identifikata fl-oqsma tal-investment, l-eċċellenza u d-diffużjoni tal-IA, id-disponibbiltà tad-*data*, l-isfidi soċjetali, l-etika u l-qafas regolatorju. L-azzjonijiet għandhom x’jaqsmu kemm mas-settur privat u kemm ma’ dak pubbliku b’għadd kbir ta’ sinerġiji.

“L-IA magħmula fl-Ewropa” tissodisfa l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini, billi twieġeb għal bżonnijiet soċjetali, u ssaħħaħ il-kompetittività

Il-pjan ikkoordinat se jimmassimizza l-benefiċċji tal-IA għall-Ewropej kollha billi jrawwem l-iżvilupp ta’ IA li tiġi fdata u li tikkorrespondi mal-valuri etiċi Ewropej u mal-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini. L-Ewropa se żżid b’mod progressiv l-isforz tagħha f’oqsma ta’ interess pubbliku bħalma huma l-kura tas-saħħa, it-trasport, is-sigurtà, l-edukazzjoni u l-enerġija kif ukoll f’oqsma oħra bħal dawk tal-manifattura u s-servizzi finanzjarji (inkluż permezz tal-blockchain).

Dan il-pjan jiġbor flimkien sett ta’ azzjonijiet konkreti u komplementari fil-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali⁸ sabiex:

- Jitqawwew l-investimenti u tissaħħaħ l-eċċellenza fit-teknoloġiji u fl-applikazzjonijiet tal-IA li huma affidabbli u “siguri u etiċi mid-disinn tagħhom”. L-investimenti għandhom iseħħu f’kuntest regolatorju stabbli li jippermetti l-esperimentazzjoni u li jappoġġa l-

⁵ Il-Jum Diġitali 2018, li sar fl-10 ta’ April fi Brussell, fittex li jkun hemm impenji konġunti mill-Istati Membri fir-rigward tal-ġejjieni diġitali tal-Ewropa. L-iffirmar tad-dikjarazzjoni tal-IA jseħħ permezz ta’ proċess volontarju u parteċipattiv.

⁶ Ara n-nota tal-Presidenza 11972/18 tal-14 ta’ Settembru 2018.

⁷ Iċ-ċifri baġitarji kollha relatati ma’ kontribuzzjonijiet ipplanati tal-UE mill-2020 ’il quddiem huma soġġetti għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika sottostanti, tal-programmi ta’ ħidma u tal-baġits annwali mill-awtoritajiet rilevanti.

⁸ Dawn l-azzjonijiet kollha jkollhom jikkonformaw mar-regoli tal-UE dwar il-liġi tal-kompetizzjoni u l-għajnuna mill-istat.

innovazzjoni rivoluzzjonarja madwar l-UE, ħalli jiġi żgurati l-ikbar u l-aħjar użu tal-IA fl-ekonomija u fis-soċjetà Ewropea.

- Jibnu fuq il-vantaġġi tal-Ewropa, billi jiżviluppaw u jimplimentaw, fi sħubija mal-industrija u mal-Istati Membri, aġendi kondiviżi għal kollaborazzjoni bejn l-industrija u l-akkademja fir-Riċerka u l-Iżvilupp (R&D) u fl-innovazzjoni.
- L-adattament tas-sistemi u l-programmi ta' apprendiment u ta' ksib tal-ħiliet biex jippreparaw is-soċjetà Ewropea u l-ġenerazzjonijiet futuri tagħha għall-IA.
- Il-bini ta' kapaċitajiet essenzjali fl-Ewropa li jirfdu l-IA bħall-ispazji tad-*data* u siti ta' referenza ta' klassi dinjija għall-ittejtjar u għall-esperimentazzjoni.
- L-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Ewropa jsiru pijunieri fl-użu tal-IA.
- L-implimentazzjoni, fuq il-bażi ta' ħidma esperta, ta' linji gwida ta' etika ċari għall-iżvilupp u għall-użu tal-IA b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, bil-ħsieb li tistabbilixxi standards etiċi globali u tkun minn ta' quddiem fid-dinja fl-IA etika u fdata.
- Fejn meħtieġ, tirrieżamina l-qafas ġuridiku nazzjonali u Ewropew eżistenti sabiex tadattahom aħjar għal sfidi speċifiċi.

Abilitaturi ewlenin

Il-progress fl-IA jiftaħ il-bieb għal opportunitajiet ġodda f'oqsma bħall-kura tas-saħħa personalizzata u ta' preċiżjoni, il-mobbiltà (is-sewqan awtonomu⁹), it-teknoloġija finanzjarja, il-manifattura avvanzata, l-applikazzjonijiet ibbażati fl-ispazju, il-grilji tal-enerġija intelliġenti, l-ekonomija sostenibbli u ċirkolari, il-bijoekonomija, it-titjib fid-detezzjoni u fl-investigazzjoni ta' attivitajiet kriminali (eż. il-ħasil tal-flus, il-frodi fiskali), il-midja, eċċ.

F'ħafna każijiet din it-trasformazzjoni diġitali tirrikjedi titjib sinifikanti tal-infrastruttura disponibbli bħalissa. L-implimentazzjoni effettiva tal-IA se teħtieġ l-ikkompletar tas-Suq Uniku Diġitali u tal-qafas regolatorju tiegħu inkluż l-adozzjoni rapida tal-proposta tal-Kummissjoni għal Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà tat-Teknoloġija, l-Industrija u r-Riċerka u għal Netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni¹⁰, konnettività msaħħa permezz ta' koordinazzjoni tal-ispettru, netwerks mobbli veloċi ħafna 5G u fibri ottiċi, clouds tal-ġenerazzjoni li jmiss, kif ukoll teknoloġiji bis-satellita¹¹. L-informatika u l-IA ta' prestazzjoni għolja kulma jmur se jkunu jridu minn xulxin hekk kif nimxu lejn il-futur bl-użu ta' teknoloġiji ġodda tal-informatika, tal-ħżin u tal-komunikazzjoni. Barra minn hekk, l-infrastrutturi għandhom ikunu kemm aċċessibbli kif ukoll affordabbli biex tiġi żgurata l-adozzjoni inklużiva tal-IA fl-Ewropa, b'mod partikolari permezz ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). L-industrija, u b'mod partikolari l-kumpaniji żgħar fid-daqs u fiż-żmien, jeħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jkunu konxji u kapaċi jintegraw dawn it-teknoloġiji fi prodotti, f'servizzi u fi proċessi ta' produzzjoni u f'teknoloġiji relatati ġodda, inkluż permezz tat-titjib tal-ħiliet u tat-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol tagħhom. L-istandardizzazzjoni se tkun essenzjali wkoll għall-iżvilupp tal-IA fis-Suq Uniku Diġitali, filwaqt li se tgħin notevolment biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà.

Bidla radikali hija meħtieġa wkoll f'każijiet fejn id-*data* trid tiġi pproċessata lokalment (pereżempju fis-sewqan awtomatizzat konness li jrid ikun jista' jieħu deċiżjonijiet malajr

⁹ Il-Komunikazzjoni dwar il-mobbiltà konnessa u awtomatizzata rrikonoxxiet pereżempju l-benefiċċji li jirriżultaw mill-progress fil-qasam tal-IA, li se jservi biex jiftaħ setturi ġodda għall-iżvilupp tan-negozju u se jwitti t-triq għal servizzi ta' mobbiltà ġodda li jagħmlu t-trasport iktar sikur, iktar aċċessibbli u iktar sostenibbli.

¹⁰ COM(2018) 630

¹¹ Eż. is-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita Galileo li hija proprjetà tal-UE.

mingħajr ma jistenna tweġiba minn server remot). Din ix-xejra tixpruna d-domanda għal teknoloġiji avvanzati, b' semikondutturi b' qawwa baxxa. Paradigmi ġodda lil hinn mill-iskalar diġà qegħdin jinbtu u arkitetturi tal-informatika ġodda u effiċjenti fl-użu tal-enerġija (bħal dawk newromorfiċi u quantum) se jkunu meħtieġa biex jiżguraw l-użu sostenibbli tal-enerġija. Is-sħubijiet li hemm bejn l-Istati Membri u l-Unjoni permezz ta' impriżi konġunti bħall-ECSEL¹² (għall-komponenti u għas-sistemi elettroniċi), EuroHPC (l-informatika bi prestazzjoni għolja)¹³ kif ukoll il-qasam ewlieni tal-quantum fil-qafas tal-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni Orizzont 2020 (H2020) huma kruċjali għall-ipproċessar tal-big data u biex jiġu sostnuti żviluppi ulterjuri tal-IA.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni se jibqgħu jappoġġaw l-iskjerament ta' abilitaturi ewlenin u se jintegraw l-IA fl-inizjattivi relatati.

Il-pjan ikkoordinat jorbot mal-istrateġiji paralleli li għaddejjin bħalissa f' dawn l-oqsma.

A. Azzjonijiet strateġiċi u koordinazzjoni

Il-Kummissjoni ppreżentat l-approċċ tagħha rigward l-IA fil-Komunikazzjoni "L-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ewropa" ippubblikata f' April 2018, li sserraħ fuq tliet pilastri:

- Tagħti spinta lill-kapaċità teknoloġika u industrijali tal-UE u l-użu tal-IA fl-ekonomija kollha, kemm mis-settur privat kif ukoll minn dak pubbliku;
- Tħejji għall-bidliet soċjoekonomiċi li se jirriżultaw mill-IA;
- Tiżgura qafas etiku u legali xieraq, ibbażat fuq il-valuri tal-Unjoni u b' konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni ta' April, il-Kummissjoni tat kompitu lill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-IA biex ifasslu linji gwida dwar l-etika tal-IA. Il-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli se jipproponi wkoll rakkomandazzjonijiet ta' politika dwar l-investimenti u l-qafas regolatorju.

Il-Kummissjoni tat ukoll kompitu lill-Grupp ta' Esperti dwar ir-Responsabbiltà u t-Teknoloġiji l-Ġodda biex jgħin lill-Kummissjoni fit-tfassil ta' linji gwida dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà tal-Prodotti u fl-iżvilupp ta' prinċipji fl-UE kollha li jistgħu jservu bħala linji gwida għal adattamenti possibbli tal-liġijiet applikabbli fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.

Il-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni għall-Osservatorju tal-Ekonomija tal-Pjattaformi onlajn, barra minn hekk, se jesplora kwistjonijiet ta' politika f' oqsma regolatorji marbuta mal-IA, bħall-aċċess għad-data¹⁴, ir-reklamar onlajn u r-rwol tal-algoritmi fl-ekonomija tal-pjattaformi diġitali.

¹² https://europa.eu/european-union/about-eu/agencies/ecsel_mt

¹³ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/blogposts/eurohpc-joint-undertaking-looking-ahead-2019-2020-and-beyond>

¹⁴ Duch-Brown et al (2017), The economics of ownership, access and trade in digital data. Dokument ta' Hidma taċ-Ċentru Kongunt tar-Riċerka dwar l-Ekonomija Diġitali 2017-01. <https://ec.europa.eu/jrc/en/publication/eur-scientific-and-technical-research-reports/economics-ownership-access-and-trade-digital-data>

Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbiliet ukoll Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-impatt tat-trasformazzjoni diġitali fuq is-swieq tax-xogħol tal-UE li se jagħti rapport li jindirizza strateġiji biex jindirizzaw it-tfixkil fl-impjiegi, fir-rebbiegħa 2019¹⁵.

Il-livelli ta' investiment għall-IA fl-Unjoni huma baxxi u frammentati, meta mqabbla ma' partijiet oħra tad-dinja bħall-Istati Uniti u ċ-Ċina. Sabiex dan in-nuqqas jiġi rimedjat, il-Komunikazzjoni ta' April tistabbilixxi objettiv ambizzjuż, bl-għan li jiżdied l-investiment u jilħaq total (is-settur pubbliku u dak privat flimkien) ta' mill-inqas EUR 20 biljun fil-perjodu 2018-2020, u li jiżdiedu l-investimenti progressivament sa EUR 20 biljun fis-sena matul l-għaxar snin li ġejjin.

Il-Kummissjoni qed iżżid l-investimenti fl-IA fl-ambitu tal-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni Orizzont 2020 għal EUR 1,5 biljun fil-perjodu 2018-2020, jiġifieri żieda ta' 70 % meta mqabbel mal-perjodu 2014-2017. Fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, il-Kummissjoni pproponiet li tiddedika mill-inqas EUR 1 biljun fis-sena minn Orizzont Ewropa¹⁶ u mill-Programm Ewropa Diġitali¹⁷ lill-IA. Qed jiġu esplorati għażliet biex timmobilizza r-riżorsi mill-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi u mill-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej. Pereżempju l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali mistenni li jinvesti fl-IA abbażi tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' Strateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti.

Mil-lum, Franza, il-Finlandja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit u l-Ġermanja għandhom strateġiji mmirati fis-seħħ dwar l-IA. Xi pajjiżi bħad-Danimarka, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Irlanda u n-Norveġja jinkludu azzjonijiet relatati mal-IA fi strateġija usa' tad-diġitalizzazzjoni. Barra minn hekk, l-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, is-Slovakkja u Spanja jinsabu fil-proċess li jiżviluppaw l-istrateġiji¹⁸. Sabiex jimmassimizzaw l-investimenti, jiġbru flimkien ir-riżorsi importanti bħad-data u jipprovdu ambjent regolatorju uniformi, l-Istati Membri kollha jeħtiġilhom idaħħlu fis-seħħ strateġiji nazzjonali tal-IA, b'konformità mal-intenzjonijiet tagħhom espressi fid-Dikjarazzjoni tal-Jum Diġitali ta' Kooperazzjoni dwar l-IA, inklużi miżuri ta' appoġġ.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni se jissorveljaw il-progress tal-implimentazzjoni tal-pjan fuq bażi annwali¹⁹.

✓ **Sa nofs l-2019, l-Istati Membri kollha huma mħeġġa li jdaħħlu fis-seħħ – u li jaqsmu mal-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni – l-istrateġiji jew il-programmi**

¹⁵ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/appointment-members-high-level-expert-group-impact-digital-transformation-eu-labour-markets>

¹⁶ COM(2018) 435 u COM(2018) 436

¹⁷ COM(2018) 434

¹⁸ Ħames reġjuni għandhom prijoritajiet relatati mal-IA fl-Istrateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti tagħhom u l-IA jista' jkollha rwol fil-kuntest tad-dimensjonijiet ta' tranżizzjoni industrijali diġitali tal-Istrateġiji nazzjonali jew reġjonali ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti fid-dawl tal-programmi tal-FEŻR lil hinn mill-2020: is-Sassonia t'Isfel [DE], Pohjois-Savo [FI], Łódzkie [PL], ir-reġjuni tal-Majjistral [RO] u tal-Grigal [RO]. Ara: <http://s3platform.jrc.ec.europa.eu/map>. Hemm ukoll reġjuni oħra fl-Ewropa, pereżempju fil-Belġju, bi strateġiji tal-IA.

¹⁹ L-AI Watch żviluppata miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka se tikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-iżvilupp marbut mal-IA u se tipprovdi għadd ta' analiżijiet meħtieġa biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-inizjattiva Ewropea tal-IA. Fost l-oħrajn, se tiżviluppa indiċijiet tal-IA li jindirizzaw id-dimensjonijiet rilevanti kollha għat-tfassil tal-politiki. Tali informazzjoni se tkun disponibbli fuq il-portal https://ec.europa.eu/knowledge4policy/ai-watch_en tal-AI Watch

nazzjonali dwar l-IA jew iżidu dimensjonijiet tal-IA fi strateġiji u fi programmi oħra rilevanti²⁰ b'deskrizzjoni ġenerali tal-livelli ta' investiment u tal-miżuri ta' implimentazzjoni, filwaqt li jqisu dan il-pjan ikkoordinat. Il-forma eżatta, il-kontenut u l-governanza tal-istrateġiji nazzjonali tal-IA se jkunu deċiżi minn kull Stat Membru abbażi ta' karatteristiki nazzjonali²¹.

- ✓ Id-diskussjonijiet bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni se jitmexxew mill-**Grupp tal-Istati Membri dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea u l-Intelliġenza Artifiċjali** (Grupp tal-SM dwar id-DIE u l-IA), meġġjun fuq materji tekniċi minn Grupp Sherpa²². Il-grupp se jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena. Dan se jiżgura l-koordinazzjoni fost il-Ministeri nazzjonali differenti u partijiet ikkonċernati oħra, pereżempju mill-industrija, mill-akkademiċi u mis-soċjetà ċivili. Il-gruppi tal-Istati Membri ddedikati²³ se jipprovdu l-kontribut meħtieġ fl-oqsma differenti koperti mill-pjan. L-Istati Membri u l-Kummissjoni se jorganizzaw ukoll workshops topiċi.
- ✓ Biex jiġu vvalutati l-impatti, fl-**2019 l-Istati Membri u l-Kummissjoni se jidentifikaw parametri ta' investiment rilevanti** u parametri referenzjarji komparabbli għat-teħid sabiex jintlaħqu miri komuni. Il-progress se jiġi mmonitorjat kull sena.

B. Nimmassimizzaw l-investimenti permezz ta' sħubijiet

Biex jiġi ffaċilitat u jissaħħaħ l-investiment fl-IA, u biex jiġi mmassimizzat l-impatt tagħha kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, huma meħtieġa sforzi konġunti bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u s-settur privat. Ikun biss jekk kemm il-Kummissjoni u l-Istati Membri jidderieġu l-investimenti tagħhom fl-istess direzzjoni permezz ta' programmazzjoni konġunta u jwasslu għall-ingranaġġ ta' investimenti privati sinifikanti, li l-Ewropa kollha kemm hi jkollha impatt u tistabbilixxi l-awtonomija strateġika tagħha fl-IA.

- **Inwittu t-triq għal sħubija ġdida dwar l-IA:** L-IA hija indirizzata llum f'diversi Sħubijiet Pubbliċi-Privati (PPP) fl-ambitu ta' Orizzont 2020, b'mod partikolari fil-PPPs tar-Robotika u l-Big Data b'aġendi separati tar-Riċerka u l-Innovazzjoni. Il-komunità tar-riċerka akkademika hija wkoll organizzata f'netwerks bħal EurAI, l-assoċjazzjoni Ewropea għall-IA. Il-Kummissjoni, bl-appoġġ mill-Istati Membri, se taħdem flimkien mal-industrija u mal-akkademiċi fuq Aġenda għar-Riċerka u l-Innovazzjoni komuni fl-IA. Filwat li tibni fuq il-vantaġġi tal-Ewropa, din se timmira lejn l-iżvilupp ta' ekosistema ta' innovazzjoni dinamika tal-IA madwar l-UE kollha, it-trawwim ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-industrija u l-akkademiċi, u t-tiħiħ tal-kompetittività fil-katina tal-valur tal-IA kollha. Għalhekk, se tiffaċilita diskussjonijiet inizjalment ma' partijiet ikkonċernati mill-PPPs tar-robotika u l-big *data*, iżda aktar tard se tespandi għar-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha mill-industrija u mill-istituti ta' riċerka biex tiżviluppa

²⁰ L-oqsma jinkludu l-inkluzjoni soċjali u l-impjieġ, il-gvern elettroniku, is-saħħa elettronika, it-Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali, il-hiliet, it-tranzizzjoni industrijali/l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, eċċ.

²¹ L-Istati Membri u r-reġjuni huma mħeġġa janalizzaw id-dimensjonijiet diġitali – inkluża l-IA – fil-proċess għar-rieżami tal-Istrateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti fid-dawl tal-investimenti tal-ġejjieni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

²² Ir-rappreżentanti nnominati mill-Grupp tal-Istati Membri dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea u l-Intelliġenza Artifiċjali.

²³ Dan se jissawwar fuq gruppi eżistenti u se jirrispetta l-governanza speċifika tal-istrumenti differenti tal-UE involuti.

aġenda strateġika komuni tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-IA. Il-Kummissjoni qed tippjana li twaqqaf Grupp tal-Mexxejja.

- **Naħdmu flimkien għall-investment fl-IA:** Huwa kruċjali għall-Ewropa li tidentifika u li tinvesti fil-ġenerazzjoni li jmiss tal-IA u li tapplikaha b'mod wiesa'. Element wieħed importanti hu li tagħmel disponibbli biżżejjed investment għal negozji ġodda fl-istadju bikri tagħhom kif ukoll għal kumpaniji fil-fażi tat-tkabbir tagħhom. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha l-għan li tagħmel disponibbli riżorsi għal negozji ġodda u għall-innovaturi fl-IA u fil-blockchain fl-istadju bikri tagħhom kif ukoll għal kumpaniji fil-fażi tat-tkabbir tagħhom, bl-użu ta' strumenti eżistenti bħalma huma l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi, Orizzont 2020 u l-Fond Ewropew tal-Investment. Inizjalment EUR 100 miljun għandhom jiġu mmobilizzati fl-2020. Peress li ċerti applikazzjonijiet bikrin tal-blockchain bl-użu tal-estrazzjoni (Bitcoin) jikkunsmaw ammonti kbar ta' enerġija, fil-kriterji ta' għażla għall-investimenti għal tali programm finanzjarju, il-Kummissjoni se tagħti preferenza lill-appoġġ tal-infrastrutturi u tal-applikazzjonijiet tal-blockchain li jkunu iktar ġodda u effiċjenti fl-użu tal-enerġija. L-attivitajiet jistgħu jiffokaw fuq (i) il-finanzjament ta' portafoll ta' kumpaniji innovattivi tal-IA/blockchain; (ii) l-iżvilupp ta' komunità dinamika ta' investituri fl-UE kollha li jiffokaw fuq l-IA; (iii) il-multiplikazzjoni tal-investimenti fil-livell nazzjonali billi jiġu involuti banek promozzjonali nazzjonali (NPs) li huma lesti li jipparteċipaw; (iv) l-għoti ta' inċentivi għall-investimenti fis-settur privat u (v) l-impenn biex l-Ewropa ssir aktar attraenti għan-negozji l-ġodda biex jibqgħu fiha u jikbru. Fis-snin ta' wara, il-blockchain u l-IA jistgħu jkomplu jiġu appoġġati permezz tal-Programm InvestEU.
- Bħala segwitu tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2018²⁴, il-Kummissjoni Ewropea qed theggi proġett pilota mtejjeb għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) biex jappoġġa t-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi (negozji ġodda u SMEs) fit-twertiq ta' innovazzjoni rivoluzzjonarja li toħloq is-swieq, kif ukoll innovazzjonijiet rivoluzzjonarji xjentifiċi u teknoloġiji abilitanti ewlenin li jistgħu jwasslu għal innovazzjoni rivoluzzjonarja.

Sabiex ikun hemm l-aqwa investment possibbli:

- ✓ Fl-2019, il-Kummissjoni se tlaqqa' lill-partijiet ikkonċernati inizjalment billi tinkludi l-PPPs tar-robotika u tal-big *data*, iżda aktar tard billi tespandi lejn partijiet involuti oħra, sabiex tiġi żviluppata **aġenda strateġika komuni tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-IA**, li tibda tiġi appoġġata fl-2020. Għalhekk, se jitwaqqaf Grupp tal-Mexxejja fil-livell ta' uffiċjal kap eżekuttiv li jirrappreżenta lill-partijiet ikkonċernati mill-industrija u mill-istituti ta' riċerka biex ifassal l-aġenda u jiżgura l-impenn fl-ogħla livell fl-implimentazzjoni tagħha, biex b'hekk titwitta t-triq għal sħubija ġdida fl-IA (l-ewwel laqgħa se ssir kmieni fl-2019).
- ✓ Il-Kummissjoni għandha l-għan li tagħmel disponibbli riżorsi għal negozji ġodda u għall-innovaturi fl-IA u fil-blockchain fl-istadju bikri tagħhom kif ukoll għal kumpaniji fil-fażi tat-tkabbir tagħhom, bl-użu ta' strumenti eżistenti bħalma huma l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi, Orizzont 2020 u l-Fond Ewropew tal-Investment. Inizjalment EUR 100 miljun għandhom jiġu mmobilizzati fl-2020. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tniedi programm ta' appoġġ ta' investment biex jiffaċilita l-iżvilupp ta' portafoll, il-

²⁴ EUCO 9/18 – it-28 ta' Ġunju 2018.

koinvestment mal-Istati Membri u mal-investituri privati, u sabiex ikun hemm sensibilizzazzjoni fost in-negozji ġodda u kumpaniji oħrajn, inklużi l-SMEs tradizzjonali u dawk innovattivi, ħalli jiffaċilita l-involvement fi proġetti li kieku kienu jkunu riskjużi. Dan se jgħin it-tħejjija għat-tisħiħ tal-aċċess għall-finanzi għall-IA fl-ambitu tal-programm InvestEU.

- ✓ L-Istati Membri jistgħu jappoġġaw b'mod attiv il-proċess **permezz tal-parteċipazzjoni ta' banek promozzjonali nazzjonali**, u billi jieħdu sehem fi programmi ta' appoġġ għas-sensibilizzazzjoni.
- ✓ Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni se jappoġġa l-innovazzjoni rivoluzzjonarja permezz proġett pilota mtejjeb tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni li b'mod partikolari se jappoġġa l-aktar proġetti avvanzati ta' riċerka u ta' innovazzjoni b'kumpens għoli li għandhom l-għan li juru paradigma teknoloġika ġdida pereżempju f'oqsma bħall-**IA ċċentrata fuq il-bniedem**, permezz ta' fond li jammonta għal EUR 100 miljun fl-2019-2020.
- ✓ **L-Istati Membri huma mħeġġa** jesploraw l-implimentazzjoni ta' vawċers ta' innovazzjoni, ta' għotjiet żgħar u ta' self maħsub għall-SMEs fit-trasformazzjoni diġitali tagħhom, inkluża, b'mod partikolari, l-integrazzjoni tal-IA fil-prodotti, fil-proċessi u fil-mudelli ta' negozju.

C. Mil-laboratorju għas-suq: (i) it-tiswir tal-eċċellenza fir-riċerka, (ii) l-istabbiliment ta' faċilitajiet tal-ittejtjar ta' referenza dinjija u (iii) it-tħaffif fl-użu tal-IA permezz ta' Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali (DIH).

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jagħrfu l-importanza li tkompli tissaħħaħ il-bażi xjentifika tagħhom²⁵ u jappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżguraw il-kompetittività fit-teknoloġija, jindirizzaw l-isfidi tal-innovazzjoni, kif ukoll jiffaċilitaw it-trasferiment tar-riżultati tar-riċerka għall-industrija.

Il-Kummissjoni se ssaħħaħ l-investment tagħha fir-riċerka u fl-innovazzjoni matul Orizzont 2020, u se tintegra l-IA fis-suġġetti kollha fejn il-benefiċċju tagħha jista' jiġi żviluppat jew sfruttat. Pereżempju, se jkun meħtieġ li finanzjament sostanzjali jiġi allokat lill-IA għal skopijiet ta' sigurtà, jiġifieri, fuq naħa waħda, biex jiġi prevenut l-użu malizzjuż tat-teknoloġiji tal-IA utilizzati minn atturi b'intenzjoni ħażina għal attivitajiet kriminali jew għat-terroriżmu, u min-naħa l-oħra biex l-għodod u s-soluzzjonijiet tal-IA jintużaw b'appoġġ aħjar għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi biex jipprevjenu, jiskopru u jinvestigaw l-attivitajiet kriminali u t-terroriżmu²⁶.

Għall-IA magħmula fl-Ewropa, prinċipju importanti se jkun l-“etika bid-disinn” fejn il-prinċipji etiċi u legali, fuq il-bażi tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, għall-konformità mad-dritt tal-kompetizzjoni u l-assenza ta' kwalunkwe preġudizzju tad-data, jiġu implimentati sa mill-bidu tal-proċess tad-disinn. Meta niddefinixxu r-rekwiżiti

²⁵ Bħala eżempju, il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka ffinanzja aktar minn 150 proġett tal-IA avvanzata minn riċerkaturi ewlenin tal-Ewropa f'oqsma bħall-apprendiment profond, in-netwerks newrali, il-previżjoni, it-traduzzjoni awtomatika, l-ipproċessar tal-lingwi naturali, il-viżjoni mill-kompjuters, ir-robotika, l-aġenti artifiċjali u l-immaġnijiet mediċi kif ukoll il-governanza u l-istandards.

²⁶ Dan jippermetti wkoll lin-negozji jsaħħu l-kapaċità tas-sigurtà tagħhom. Il-Kummissjoni se tiddiskuti mal-Kumitat tal-Programm għal Soċjetajiet Siguri dwar l-inklużjoni ta' azzjonijiet rilevanti fil-Programm ta' Ħidma għall-2020 ta' Orizzont 2020.

operazzjonali, huwa importanti wkoll li jittieħed kont tal-interazzjonijiet bejn il-bniedem u s-sistemi tal-IA. Il-Kummissjoni se tesplora kif għandha tiddaħħal l-“etika bid-disinn” f’sejħiet rilevanti għal proposti fl-ambitu tal-programm ta’ riċerka.

Prinċipju ewlieni ieħor se jkun is-“sigurtà permezz tad-disinn”, fejn iċ-ċibersigurtà, il-protezzjoni tal-vittmi u l-iffaċilitar tal-attivitajiet tal-infurzar tal-liġi għandhom jiġu kkunsidrati mill-bidu tal-proċess tad-disinn.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se taħdem lejn it-tisħiħ taċ-ċentri ta’ eċċellenza Ewropej tal-IA, se tistabbilixxi faċilitajiet tal-ittestjar ta’ referenza dinjija u se taċċellera l-użu tal-IA permezz ta’ Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali, filwaqt li tiżgura li l-Ewropa tibbenefika mir-riżultati tal-attivitajiet ta’ riċerka.

Il-Kummissjoni se żżomm bilanċ ġeografiku fl-isforzi tagħha biex issaħħaħ iċ-Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali u se tħeġġeġ il-kopertura ġeografika fin-netwerks taċ-ċentri ta’ eċċellenza u fil-faċilitajiet tal-ittestjar u se tħeġġeġ li jkun hemm kumplementarjetà mal-investimenti tal-Politika ta’ Koeżjoni. Filwaqt li l-Ewropa bla dubju għandha punti b’saħħithom bil-bosta ċentri ta’ riċerka minn ta’ quddiem nett, huwa essenzjali li l-isforzi jiġu kkombinati biex ikunu kompetittivi fil-livell dinji. L-Ewropa se żżid il-kapaċitajiet ta’ riċerka nazzjonali u se tilħaq massa kritika permezz ta’ **netwerks aktar stretti ta’ ċentri ta’ riċerka ta’ eċċellenza Ewropej tal-IA**²⁷. L-għan huwa li titrawwem il-kooperazzjoni fost l-aħjar gruppi ta’ riċerka fl-Ewropa, li jingħaqdu flimkien biex jiġu indirizzati b’mod aktar effiċjenti l-isfidi xjentifiċi u teknoloġiċi kbar fl-IA u ħalli l-industrija tiġi mmobilizzata biex tiġi integrata f’sinerġiji u biex jinstabu sinerġiji mat-timijiet ta’ riċerka.

Nistabbilixxu faċilitajiet tal-ittestjar ta’ referenza dinjija²⁸: Pass importanti biex inwasslu t-teknoloġija lejn is-suq għandu x’jaqsam mal-esperimentazzjoni u mal-ittestjar ta’ teknoloġija avvanzata f’ambjenti tad-dinja reali. Sabiex jiġi ottimizzat l-investment u jiġu evitati d-duplikazzjoni jew l-isforzi li jikkompetu ma’ xulxin, numru limitat ta’ siti ta’ referenza fuq skala kbira speċjalizzati fl-IA għandhom jiġu żviluppatti u jinfetħu għall-atturi kollha madwar l-Ewropa.

Eżempji ta’ tali faċilitajiet tal-ittestjar jinkludu l-ittestjar transfruntiera tas-sewqan konness u awtonomu, is-siti tat-testijiet tat-tbaħħir awtonomu u l-ħolqien ta’ spazji tad-data. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jidentifikaw il-ħtieġa għal faċilitajiet ta’ ttestjar ġodda fuq skala kbira għall-aħħar teknoloġiji tal-IA f’oqsma ewlenin bħalma huma l-mobbiltà, il-kura tas-saħħa, il-manifattura, l-ikel agrikolu jew is-sigurtà. Dawn il-faċilitajiet tal-ittestjar jistgħu jinkludu sandboxes regolatorji (jiġifieri oqsma fejn ir-regolamentazzjoni hija limitata jew favorevoli għall-ittestjar ta’ prodotti u ta’ servizzi ġodda) f’oqsma magħżula fejn il-liġi tagħti biżżejjed flessibbiltà lill-awtoritajiet regolatorji, u tirrilassa r-rekwiżiti legali u regolatorji speċifiċi matul il-perjodu tas-sandbox.

²⁷ Ċentru ta’ Eċċellenza tal-IA hu ċentru ta’ riċerka b’għarfien espert kbir fl-IA. L-għan ewlieni ta’ dawn iċ-ċentri huwa li jmxexxu ’l quddiem il-progress f’oqsma speċifiċi tax-xjenza u tat-teknoloġija.

²⁸ Faċilità ta’ Esperimentazzjoni u ta’ Ttestjar ta’ Referenza hija infrastruttura tat-teknoloġija li jkollha għarfien espert u esperjenza fl-ittestjar ta’ teknoloġija matura f’settur partikolari, b’kundizzjonijiet reali jew viċin ir-realtà (sptar intelliġenti, kmamar nodfa, belt intelliġenti, razzett sperimentali, kuritur għal sewqan konness u awtomatizzat, eċċ.).

L-aċċellerazzjoni tal-użu tal-IA permezz ta' Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali: Se jkun daqstant importanti wkoll li jitrawwem l-użu tal-IA fl-ekonomija usa', b'mod partikolari mill-SMEs. Dan jinkludi li nittrażmettu l-għarfien u l-avvanzi xjentifiċi ġġenerati fiċ-ċentri ta' eċċellenza tar-riċerka Ewropea fl-IA kif ukoll fit-teknoloġiji vvalidati fil-faċilitajiet tal-ittestjar imsemmija hawn fuq. Iċ-**Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali (DIH)** jistgħu jgħinu biex jiżguraw li kull kumpanija, żgħira jew kbira, ta' teknoloġija għolja jew le, kif ukoll is-settur pubbliku, jistgħu jaħtfu l-opportunitajiet diġitali. Bl-universitajiet tekniċi jew organizzazzjonijiet ta' riċerka fil-qalba, id-DIH jaġixxu bħala punt ta' waqfa waħda fejn il-kumpaniji u s-settur pubbliku jistgħu jiksbu aċċess għal teknoloġija, ittestjar u appoġġ tekniku, pariri dwar il-finanzjament, tagħrif dwar is-suq u opportunitajiet ta' netwerking. B'mod aktar speċifiku, fil-qasam tal-IA, id-DIH jistgħu jgħinu l-SMEs u l-amministrazzjonijiet pubbliċi jidentifikaw is-settijiet tad-*data*, jiżviluppaw l-algoritmi, u jħarrġu l-IA jistgħu jagħmlu konnessjoni ma' faċilitajiet tal-informatika li jibnu fuq pjattaforma tal-“IA disponibbli meta tridha”. Dawn jistgħu jgħinu biex jitħarrġu l-professjonisti minn SMEs fl-użu ta' soluzzjonijiet tal-IA u jagħtu pariri dwar l-appoġġ finanzjarju eżistenti. Huma konnessi kemm maċ-ċentri ta' eċċellenza fir-riċerka kif ukoll mal-faċilitajiet disponibbli tal-ittestjar.

Bl-istess mod, in-nodi attwali ta' hdx-il Komunità ta' Għarfien u Innovazzjoni Diġitali tal-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni jlaqqgħu flimkien atturi prominenti fis-setturi diġitali f'reġjuni fil-mira.

i) It-tisħiħ tal-eċċellenza fir-riċerka permezz ta' netwerks ta' ċentri Ewropej ta' eċċellenza fir-riċerka tal-IA:

- ✓ **Fl-2019, l-Istati Membri ser ifasslu mappa taċ-ċentri nazzjonali ta' eċċellenza fir-riċerka dwar l-IA** u l-kompetenzi tagħhom u jkopmple jappoġġaw il-kooperazzjoni u n-netwerking tagħhom madwar l-UE permezz ta' programmi nazzjonali.
- ✓ **Il-Kummissjoni qed tippjana li tiffinanzja **network ta' ċentri ta' eċċellenza fir-riċerka tal-IA**** b'EUR 50 miljun fl-2020 permezz ta' Orizzont 2020, tappoġġa riċerka kollaborattiva li tindirizza l-isfidi industrijali u xjentifiku identifikati minn dawn in-netwerks f'aġendi konġunti ta' riċerka.
- ✓ **L-Istati Membri** huma mħeġġa jimmobilizzaw lill-industrija tagħhom ħalli tintegra fi jew tiżviluppa sinerġiji ma' **netwerks ta' ċentri ta' eċċellenza fir-riċerka tal-IA.**

(ii) Nistabbilixxu faċilitajiet tal-ittestjar ta' referenza dinjija

- ✓ **Fl-2018-20, l-Istati Membri u l-Kummissjoni ser:**
 - ✓ Jibnu fuq l-ewwel sett ta' kurituri transkonfinali 5G għal sewqan awtonomu u konness²⁹, b'**appoġġ għal kurituri tal-ittestjar addizzjonali** b'sa EUR 30 miljun fl-2020 permezz ta' Orizzont 2020.
 - ✓ Jaħdmu fuq l-iżvilupp ta' **pjattaformi u proġetti pilota fuq skala kbira** li jintegraw l-elementi tal-IA f'oqsma bħall-enerġija, il-kura tas-saħħa, il-manifattura, il-ġeoinformazzjoni u l-agrikoltura. Għall-perjodu 2019-20, il-Kummissjoni ser tagħmel disponibbli EUR 160 miljun minn Orizzont 2020.

²⁹ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/new-5g-cross-border-corridors-connected-and-automated-mobility-baltics-will-allow-testing>

- ✓ Fl-2019 u l-2020, taħt l-**Impriża Konġunta ECSEL**³⁰, l-IA u l-analitika tad-*data* se jiġu integrati f'inizjattivi ta' dimostrazzjoni fil-manifattura, il-mobilità u l-mediċina personalizzata, b'baġit totali ta' madwar EUR 200 miljun, minn komponenti sa sistemi sħaħ.

B'kollox, il-Kummissjoni se tagħmel disponibbli madwar EUR 390 miljun fl-iżvilupp ta' pjattaformi u proġetti pilota fuq skala kbira fil-perjodu 2019-20; huwa mistenni li dan l-investiment ikun imqabbel ma' kważi EUR 200 miljun mill-Istati Membri, u EUR 550 miljun mis-settur privat.

Wara l-2020,

- ✓ **Taħt il-Programm Ewropa Diġitali, il-Kummissjoni qed tippjana li tagħmel disponibbli madwar EUR 1.5 biljun biex tistabbilixxi siti tal-ittejtjar u l-esperimentazzjoni minn ta' quddiem nett fid-dinja għal prodotti u servizzi mqawwija bl-IA madwar l-Ewropa.** Dawn is-siti tat-testijiet se jiġi identifikat u żviluppati b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri fl-2019, li se jipprovdi analiżi tax-xejriet ta' siti tat-testijiet nazzjonali eżistenti u se jkopri l-komponenti kollha tal-katina tal-provvista mill-IA (informatika newromorfika u t-teknoloġiji quantum) sa applikazzjonijiet integrati f'oqsma bħas-saħħa, il-mobbiltà, l-enerġija, is-sigurtà, is-sikurezza u l-produzzjoni industrijali.
- ✓ **L-Istati Membri** se jiġu inkoraġġuti biex iqabblu l-investimenti fil-Programm Ewropa Diġitali sabiex volum ta' investiment globali ta' EUR 3 biljun ikun disponibbli. L-użu ta' sorsi oħra ta' finanzjament, bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, se jkun imħeġġeġ wkoll.

(iii) L-aċċellerazzjoni tal-adozzjoni tal-IA permezz ta' Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali (DIH)

- ✓ **Fl-2019, l-Istati Membri huma mistiedna jsaħħu n-netwerks tagħhom ta' Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali** b'fokus fuq l-appoġġ għall-komunitajiet lokali tagħhom tal-SMEs fit-trasformazzjoni diġitali. L-Istati Membri se jintalbu jidentifikaw id-DIH li jkollhom kompetenza tal-IA.
- ✓ **Fl-2019 u fl-2020 il-Kummissjoni se tagħmel disponibbli aktar minn EUR 100 miljun għaċ-Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali f'oqsma magħżula rilevanti għall-IA** (il-Big Data, il-Manifattura Intelliġenti). Dan jinkludi attivitajiet għal reġjuni fejn attwalment jeżistu ftit Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali, bħal fil-pajjiżi tal-EU-13.
- ✓ Barra minn hekk, l-attivitajiet tal-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (EIT) se jikkontribwixxu għall-adozzjoni tal-IA mis-settur pubbliku u dak privat. Bejn l-2018 u l-2020, l-Unjoni se tinvesti f'attivitajiet li jappoġġaw lill-EIT Digital u n-netwerk tiegħu ta' nodi madwar l-Unjoni. Dan l-investiment se jiffoka fuq it-trasformazzjoni diġitali tal-industriji, l-ibliet, is-saħħa, l-infrastruttura, u l-finanzi, notevolment biex jadattaw għall-opportunitajiet offruti mill-IA.
- ✓ **Lil hinn mill-2020, ġie propost finanzjament mill-Programm Ewropa Diġitali biex**

³⁰ L-impriża Konġunta ECSEL hija mudell tripartitiku ta' koinvestiment tal-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Industrija biex jappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni, inklużi dimostrazzjonijiet ta' skala kbira u proġetti pilota fl-oqsma tal-mikroelettronika, l-integrazzjoni ta' sistemi żgħar u softwer integrat b'enfasi speċjali fuq proġetti ta' integrazzjoni.

jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali f'kull Stat Membru biex jiżgura rappreżentazzjoni ġeografika wiesgħa (possibbilment flimkien ma' wieħed f'kull reġjun NUTS2³¹, bħala medja). Huwa previst li l-Unjoni se tipprovdi sa EUR 900 miljun biex tappoġġa l-iżvilupp ta' dawn iċ-ċentri, ammont li jrid jiġi akkumpanjat minn ammonti simili mill-Istati Membri. Orizzont Ewropa mistenni jippermetti li iċ-Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali jinvolvu ruħhom aktar f'esperimenti tat-trasformazzjoni diġitali u se jappoġġa sa 10 000 SME madwar l-Ewropa.

D. Il-ħiliet u l-apprendiment tul il-ħajja

It-talent huwa ingredjent essenzjali għall-IA li jrid jiġi żviluppata u jintuża. L-IA u d-diġitalizzazzjoni qed jittrasformaw b'mod rapidu lis-soċjetà u lill-ekonomija b'mod ġenerali, inkluż l-ambjent tax-xogħol. Fl-Ewropa, hemm lakuna sinifikanti u persistenti fil-ħiliet tal-ICT. Id-domanda għal ħiliet f'oqsma emerġenti bħall-IA hija partikolarment akuta u l-problema qed tikber peress li l-offerta għadha lura fis-suq. Kważi l-Istati Membri kollha qed jiffaċċjaw nuqqas ta' professjonisti tal-ICT, inkluż fil-qasam tal-IA³². L-offerta attwali ta' programmi speċjalizzati ta' edukazzjoni għolja hija limitata u mhux daqstant disponibbli fl-Istati Membri kollha³³.

L-għarfien tekniku ġenerali fqir fil-popolazzjoni ġenerali jfixxkel l-aċċessibilità u l-użu ta' soluzzjonijiet imsejsa fuq l-IA. L-aċċess għall-ħiliet neċessarji għandu jitravwem fl-iskejjel primarji u sekondarji, għalkemm it-taħriġ tal-għalliema jibqa' sfida importanti. Il-programmi rapidi ta' taħriġ mill-ġdid jeħtieġ li jiġu mfassla sabiex jippermettu lill-popolazzjoni tikseb esperjenza fl-IA. It-teknoloġija bħal Korsijiet onlajn Miftuħa Massivi (MOOCs) tista' tintuża biex iżżid l-apprendiment. Is-suġġett tal-IA jeħtieġ isir parti mill-programmi ta' studju mhux tekniċi permezz tal-edukazzjoni formali u informali, sabiex jipprovdu lill-forza tax-xogħol futura bl-għarfien meħtieġ biex topera u tinnaviga f'ambjent tax-xogħol fejn l-IA se tkun parti mill-kompiti ta' kuljum.

Minbarra l-ħiliet fl-ICT, ħiliet oħrajn huma ugwalment importanti għal żvilupp tal-IA iċċentrat fuq il-bniedem. L-etika u ħiliet mhux STEM oħra huma ugwalment importanti u għandhom ikunu parti mill-kapitolu tat-trawwim tat-talenti tal-istrateġiji nazzjonali u internazzjonali tal-IA. Barra minn hekk, il-ksib u ż-żieda tal-ħiliet għandhom ikunu akkumpanjati bil-modernizzazzjoni tal-politiki tas-suq tax-xogħol u dawk soċjali sabiex ikunu jistgħu jlaħħqu aħjar mat-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol aktar frekwenti.

Id-diffikultajiet biex jiġi attirat u jinżamm it-talent fl-Ewropa jikkontribwixxu għal-lakuna fil-ħiliet. Ir-riċerkaturi b'talent u n-negozji ġodda promettenti ta' spiss jirċievu offerri attraenti minn bnadi oħra tad-dinja. Fl-2017, 38 % tal-popolazzjoni ta' Silicon Valley kienu barranin li daħlu fl-Istati Uniti biex jimlew impjeg speċifiku fl-industrija tat-teknoloġija, u 8 %

³¹ In-nomenklatura tal-unitajiet territorjali għall-istatistika, NUTS 2 huma ddefiniti bħala reġjuni bażiċi għall-applikazzjoni tal-politiki reġjonali.

³² Hemm nuqqas ta' aktar minn 80 000 professjonist għat-trattament u għall-ġestjoni tad-data (1 għal kull 20 xjenzat) http://www.pocbigdata.eu/monitorICTonlajnvacancies/general_info/

³³ "Fl-2018, madwar żewġ terzi tal-Istati Membri tal-UE għandhom inqas minn 10 programmi tal-Masters li jiffokaw bil-qawwa fuq l-IA. Filwaqt li l-moduli tal-IA qed isiru relattivament aktar komuni fost oqsma edukattivi differenti, għad hemm biss terz tal-Istati Membri tal-UE li għandhom aktar minn 20 programm tal-Masters li jinkludu mill-inqas modulu wieħed tal-IA". López-Cobo et al. (2018), Academic offer and demand for advanced profiles in the EU. Artificial Intelligence, High Performance Computing and Cybersecurity. Rapport Xjentifiku ta' Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

minnhom kienu Ewropej³⁴. L-azzjoni hija partikolarment meħtieġa biex jiġi attirat u jinżamm l-aqwa talent fl-Ewropa u biex jinħoloq ambjent kompetittiv. Kooperazzjoni eqreb mal-industrija tgħin biex tkun żgurata r-rilevanza tal-kontenut tal-apprendiment għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xoġhol.

Il-Kummissjoni adottat Pjan ta' Azzjoni tal-Edukazzjoni Digitali³⁵ biex tappoġġa l-użu tat-teknoloġija u l-iżvilupp tal-kompetenzi diġitali fl-edukazzjoni. Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni ta' April, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) jinsab fil-proċess li jintegra l-IA fil-kurrikuli tal-korsijiet tal-edukazzjoni li jappoġġa, fil-livelli tal-Masters u tal-PhD, u l-proġett pilota ta' Traineeships għal Opportunità Diġitali (2018-20)³⁶ jagħmel disponibbli apprendistati f'ħiliet diġitali avvanzati għal studenti tal-Erasmus. Il-Blueprint tal-kooperazzjoni settorjali dwar il-ħiliet tappoġġa l-iżvilupp ta' strateġiji settorjali biex tindirizza d-distakki fil-ħiliet³⁷, u ttejjeb l-approċċi multidixxiplinarji billi tintegra elementi tal-IA f'dixxiplini oħra.

Ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikazzjoni, inkluż għal studji f'dixxiplini ġodda bħall-IA, huwa importanti. F'Mejju 2018, il-Kummissjoni għamlet proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill³⁸ dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tad-diplomi tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni sekondarja għolja u tal-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż. Il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tistieden lill-Istati Membri jieħdu impenn politiku sabiex jieħdu passi biex jintroduċu r-rikonoxximent awtomatiku sal-2025.

It-talent, il-ħiliet u l-apprendiment tul il-ħajja

- ✓ Il-ħiliet u l-edukazzjoni huma oqsma fil-parti l-kbira tagħhom ta' kompetenza nazzjonali u xi drabi reġjonali. Madankollu, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija importanti sabiex nikkondividu l-esperjenzi u naħtfu l-opportunitajiet komuni.
- ✓ **L-Istati Membri huma mħeġġa:**
 - ✓ **Jikkondividu l-aħjar Prattiki** dwar (i) kif tissaħħaħ l-eċċellenza u jinżamm it-talent fl-IA fl-Ewropa u (ii) dwar il-ksib u ż-żieda ta' ħiliet tal-forza tax-xoġhol attwali (fl-2019).
 - ✓ Jiskambjaw l-aħjar Prattiki dwar kif jagħmlu użu sħiħ mill-possibbiltajiet offriti mis-**sistema tal-Karta Blu** tal-UE biex jattiraw u jżommu l-professjonisti tal-IA bi kwalifiki għoljin fl-UE u biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni tagħha u dwar kif tiġi ffaċilitata l-impresorija marbuta mal-IA (sa tmiem l-2019).
 - ✓ **Jinkludu d-dimensjoni tal-ħiliet fl-istrateġiji nazzjonali tal-IA** (sa nofs l-2019) u jimmappjaw l-offerta tal-edukazzjoni nazzjonali, il-ħiliet meħtieġa (l-IA trid tkun parti minn/integrata wkoll f'dixxiplini oħra bħal-liġi, ix-xjenzi umani, l-ambjent, is-saħħa) u l-prijoritajiet ta' taħriġ għall-IA, b'attenzjoni partikolari għall-inklużjoni u biex jiġu attirati iktar nisa fl-istudji tal-IA (sal-aħħar tal-2020). L-istrateġiji għandhom jindirizzaw iċ-ċiklu sħiħ tal-edukazzjoni formali, it-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni għolja u l-postdottorati. Fl-istess ħin, għandha tingħata aktar enfasi fuq l-apprendiment

³⁴ <https://jointventure.org/images/stories/pdf/index2018.pdf>

³⁵ COM(2018) 22

³⁶ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/digital-opportunity-traineeships-boosting-digital-skills-job>

³⁷ <http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=16962&langId=en>

³⁸ COM(2018) 270

tul il-ħajja, biex jippermetti lin-nies li diġà qegħdin fl-impjeg jiksbu u jtejbu l-ħiliet tagħhom relatati mal-IA.

- ✓ Jesploraw kif l-IA tista' tiġi inkorporata fil-kurrikuli tal-programmi tal-edukazzjoni sekondarja u terzjarja, inkluż it-**taħriġ vokazzjonali**. Il-Kummissjoni se toħroġ rapport bl-appoġġ tal-Istati Membri dwar dan sa kmieni fl-2020 u se tappoġġa azzjonijiet mudell f'reġjuni magħżula.
- ✓ **il-Kummissjoni se:**
 - ✓ **Tinkludi komponent ta' programmi komuni ta' PhD u ta' programmi komuni post-PhD fis-sejħa għat-tisħiħ taċ-ċentri ta' eċċellenza fir-riċerka tal-IA fl-2020** b'enfasi fuq l-isfidi industrijali. L-ambizzjoni hija li tiġi stabbilita marka unika u rikonuxxuta madwar id-dinja għal programm Ewropew ta' PhDs orjentati lejn l-industrija fl-IA u li r-riċerkaturi jinżammu fl-Ewropa wara li jlestu l-PhDs tagħhom. L-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie³⁹ se jikkontribwixxu għal dan l-oġettiv.
 - ✓ Tesplora modi biex tappoġġa l-inklużjoni ta' moduli tal-IA fi **programmi Masters multidixxiplinarji (eż. is-saħħa elettronika, il-gvern elettroniku, it-teknoloġija finanzjarja) u fi programmi ta' taħriġ għall-adulti b'fokus fuq in-nies b'livell oġhla ta' edukazzjoni u b'iktar esperjenza ta' xogħol.**
 - ✓ L-Istati Membri u l-Kummissjoni se jaħdmu flimkien u se jiżviluppaw materjal li jrid jintuża f'**kampanji ta' sensibilizzazzjoni** dwar il-benefiċċji tal-IA.
- ✓ **Lil hinn mill-2020** il-Kummissjoni tippromovi li l-Unjoni ttipprovdi total ta' EUR 700 miljun biex tappoġġa l-ħiliet avvanzati (għall-IA, l-HPC u ċ-ċibersigurtà) bħala parti mill-Programm Ewropa Diġitali permezz ta'
 - ✓ lawrji tal-Masters,
 - ✓ Taħriġ fuq il-post tax-xogħol u traineeships għal zgħażaġh u għal professjonisti li jeħtieġu li jiksbu l-esperjenza
 - ✓ Taħriġ għal żmien qasir għall-ħaddiema sabiex dawn isiru midħla tal-IA.
- ✓ L-integrazzjoni tal-prinċipji etiċi żviluppata mill-Unjoni fl-iskemi ta' taħriġ u fil-programmi proposti hawn fuq.

E. Id-data: il-pedament tal-IA – Il-ħolqien ta' Spazju Komuni Ewropew tad-Data

L-espansjoni attwali tal-IA hija xprunata permezz tad-disponibbiltà ta' settijiet ta' *data* kbar flimkien ma' żidiet fil-qawwa tal-informatika u fil-konnettività. Id-disponibbiltà ta' *data* sigura, soda u ta' kwalità għal firxa wiesgħa ta' utenti transfruntiera hija pedament tal-politika Ewropea. Il-ftuħ għall-flussi ta' *data* internazzjonali se jkompli jiġi żgurat b'rispett sħiħ tar-regoli tal-UE għall-protezzjoni tad-*data* personali u b'konformità mal-istrumenti legali applikabbli, inklużi l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles li l-UE tikkonkludi ma' sħabha u s-sejbiet ta' adegwatezza tal-Kummissjoni fir-rigward tal-livell ta' protezzjoni tad-*data* personali f'pajjiżi terzi. L-implimentazzjoni sħiħa ta' leġiżlazzjoni settorjali, it-titjib tal-aċċess u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni (eż. id-Direttiva INSPIRE⁴⁰) se jipprovdu d-*data* speċifika skont

³⁹ <https://ec.europa.eu/research/mariecurieactions/>

⁴⁰ Id-Direttiva 2007/2/KE

id-dominju meħtieġa biex tappoġġa applikazzjonijiet tal-IA b'saħħithom għas-settur pubbliku, għal finijiet analitiċi jew ta' monitoraġġ tal-politiki⁴¹.

Meta tiġi pproċessata *data* relatata ma' individwi, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR) jistabbilixxi r-regoli applikabbli għall-ġbir, għall-użu u għall-kondiviżjoni ta' din id-*data* personali. Barra minn hekk, ir-Regolament adottat reċentement dwar il-fluss liberu tad-*data* mhux personali jkompli jiffaċilita l-flussi ta' *data* transfruntiera madwar l-Unjoni bħala pedament tas-Suq Uniku Diġitali. Se tingħata wkoll kunsiderazzjoni biex is-soluzzjonijiet ibbażati fuq blockchain u li jirrispettaw il-privatezza u l-GDPR bis-sħiħ jikkondividu u jagħtu aċċess għad-*data*. Ir-regoli proposti⁴² dwar il-prattiki kummerċjali bejn is-servizzi intermedjarji onlajn bħal postijiet tas-suq, l-app stores, jew il-pjattaformi ta' prenotazzjoni tal-akkomodazzjoni, jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-użu prevedibbli u trasparenti tad-*data* fost is-servizzi tal-ospitar u l-utenti kummerċjali tagħhom. Dawn il-miżuri huma maħsuba biex ikun hemm aktar ġustizzja u fiduċja fir-relazzjonijiet kummerċjali kif ukoll użu siewi tad-*data* fl-ekosistemi tal-pjattaformi onlajn.

Hija meħtieġa azzjoni biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-*data* miżmuma mis-settur pubbliku u dak privat billi jinħoloq Spazju tad-*Data* Ewropew⁴³ komuni: qasam diġitali bla xkiel fuq skala li tippermetti l-iżvilupp ta' prodotti u ta' servizzi ġodda bbażati fuq id-*data*. B'mod partikolari, id-*data* ġġenerata u miżmuma mis-settur pubbliku ħafna drabi tkun ta' kwalità għolja ħafna u tikkostitwixxi vantaġġ kbir għall-innovaturi u għan-negozji Ewropej.

Għal aktar użu, id-*data* fi spazju jeħtieġ li ssir interoperabbli kemm jista' jkun, speċjalment billi jkun hemm qbil dwar formati ta' *data* li jkunu miftuħa, FAIR, jistgħu jinqraw mill-magna, standardizzati u dokumentati, kemm fl-interazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat, fis-setturi u minn settur għall-iehor⁴⁴.

Id-Direttiva dwar l-Infurmazzjoni tas-Settur Pubbliku (ISP)⁴⁵ tistabbilixxi l-qafas għall-użu mill-ġdid ta' tali *data* min-negozji. L-azzjonijiet għandhom jiffokaw biex is-settijiet tad-*data* jsiru aktar faċilment aċċessibbli fil-prattika, b'mod partikolari għan-negozji l-ġodda u għall-SMEs, filwaqt li jiffaċilitaw l-aggregazzjoni. It-tfassil u l-implimentazzjoni ta' formati tad-*data* u tal-*metadata* interoperabbli kif ukoll l-iskjerament ta' Interfaċċji tal-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet (APIs) standardizzati bbażati fuq il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà (EIF)⁴⁶ huma ta' importanza partikolari.

⁴¹ Cetl V., Tomas R., Kotsev A., de Lima V.N., Smith R.S., Jobst M. (2019) Establishing Common Ground Through INSPIRE: The Legally-Driven European Spatial Data Infrastructure. F': Döllner J., Jobst M., Schmitz P. (eds) Service-Oriented Mapping. Lecture Notes in Geoinformation and Cartography. Springer, Cham.

⁴² <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/business-business-trading-practices>

⁴³ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=COM:2018:0232:FIN>

⁴⁴ Ara l-prattiki tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC). Din se trawwem l-aħjar Prattiki tas-sejbien u tal-aċċessibbiltà tad-*data* globali (id-*data* FAIR), <https://ec.europa.eu/research/openscience/index.cfm?pg=open-science-cloud>

⁴⁵ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/european-legislation-reuse-public-sector-information>

⁴⁶ L-APIs jiffaċilitaw il-kondiviżjoni u l-użu tad-*data* tal-gvern bejn l-Istati Membri permezz tal-iżvilupp ta' approċċi komuni li jeħtieġ li jiġu promossi permezz ta' esperimenti u ta' riċerka applikata fuq l-APIs. Fl-2018 inbeda studju (APIs4DGov) miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka. Dan għandu l-għan li jkun parteċipattiv u li jibbenefika mill-ħidma mwettqa fl-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej fil-livelli kollha u li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà u l-approċċ hekk imsejjaħ "Building Block" adottat fil-programm tat-telekomunikazzjoni tas-CEF. <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/new-study-digital-government-apis-apis4dgv-project>

Dawn l-azzjonijiet se jikkomplementaw l-isforzi mill-Istati Membri biex jipromwovu l-aċċessibbiltà, l-interoperabbiltà u l-użu mill-ġdid tad-*data* fis-setturi ta' rilevanza kbira għall-IA, bħas-saħħa⁴⁷, (ara l-punti hawn taħt), l-ambjent, il-mobbiltà, is-sigurtà, il-migrazzjoni, il-bijoekonomija ċirkolari u sostenibbli u s-sistemi tal-ikel.

Id-data

L-IA għal oqsma ta' interess pubbliku: L-Istati Membri huma mħeġġa jikkooperaw mal-Kummissjoni biex:

- ✓ **Jidentifikaw settijiet ta' data pubblika** li b'mod aktar miftuħ ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw madwar l-Unjoni, speċjalment dawk adattati għall-applikazzjonijiet tat-taħriġ fl-IA. Dan jista' jkun appoġġat minn mandat biex tiġi stabbilita lista ta' settijiet ta' *data* b'valur għoli kif previst mill-proposta ta' riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Infurmazzjoni tas-Settur Pubbliku, li qed tiġi nnegozjata attwalment.
- ✓ Jinvestu flimkien fl-għodod neċessarji biex jiffaċilitaw l-aċċess, il-konnettività, l-interoperabbiltà u l-aggregazzjoni tad-*data* pubblika inkluż l-iżvilupp tal-Interfaċċi rilevanti tal-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet (APIs) għall-aċċess għad-*data* ta' natura dinamika. L-azzjoni se tappoġġa d-definizzjoni u l-applikazzjoni ta' standards tad-*data* u tal-*metadata* b'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti (eż. il-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej). Il-Kummissjoni qed tippjana li tagħmel disponibbli sa EUR 100 miljun minn Orizzont 2020 (H2020) u mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF).
- ✓ Jappoġġaw l-iżvilupp u l-operazzjonijiet ta' infrastruttura tad-*data* biex jippermettu l-ġestjoni u l-kondiviżjoni tad-*data* f'ħin reali u l-esperimentazzjoni permezz ta' sandbox ta' servizzi mħaddma bl-IA u xprunati bid-*data*, għall-gvernijiet u għall-amministrazzjonijiet pubbliċi iġenerali, inkluż għal sistemi siguri transfruntiera trans-Ewropej tal-IT. Dawn is-servizzi huma pprovduti permezz tal-infrastruttura tas-servizz tad-*Data* Miftuħa Pubblika ffinanzjata fl-ambitu tas-CEF, li diġà tappoġġa l-iskjerament tal-Portal Ewropew tad-*Data*⁴⁸ għall-iffaċilitar tal-iskoperta u tal-aċċess għall-*data* pubblika Ewropea, inklużi dawk mill-inizjattivi tad-*Data* Miftuħa tal-Istati Membri fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.
- ✓ Jiżguraw aktar żvilupp tal-**Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa** bħala vantaġġ ewlieni għall-aħjar użu tal-IA fix-xjenza u fit-teknoloġija u f'applikazzjonijiet li jvarjaw mill-mediċina avvanzata sal-ambjent u t-tibdil fil-klima. Dan jinkludi taħriġ u ttestjar ta' algoritmi relatati mad-*data* biex jiġu mmassimizzati l-benefiċċji tad-*Data* Miftuħa.
- ✓ Jappoġġaw l-iżvilupp ta' **soluzzjonijiet siguri bbażati fuq blockchain u oħrajn għall-għoti ta' aċċess għad-*data* u għall-iżgurar tal-integrità tad-*data***. Il-Kummissjoni qed tippjana li tagħmel disponibbli EUR 27 miljun fil-qafas ta' Orizzont 2020 f'dan il-qasam.
- ✓ Is-**saħħa** hija partikolarment f'pożizzjoni tajba biex tibbenefika mill-IA. L-

⁴⁷ Fil-qasam tas-saħħa, tali kondiviżjoni tad-*data* pereżempju hija vitali għall-investimenti ta' innovazzjoni konġunti mħejjija fl-ambitu tal-Pjattaforma tematika tal-Ispeċjalizzazzjoni Intelliġenti "l-Intelliġenza Artifiċjali u l-Interfaċċa Bniedem-Magna". Bil-parteċipazzjoni tal-Emilia-Romagna (IT), il-Provinċja Awtonoma ta' Trento (IT), Baden-Württemberg (DE), Navarra (ES), it-Tramuntana ta' Brabant (NL) u Örebro Län (SE). Ara: <http://s3platform.jrc.ec.europa.eu/artificial-intelligence>

⁴⁸ <https://www.europeandataportal.eu/en/homepage>

informazzjoni dwar il-pazjent, ir-rekords mediċi, ir-riżultati dijanjostiċi, u l-istudji kliniċi huma biss f'it mis-sorsi ta' *data* disponibbli fil-kura tas-saħħa. Il-Kummissjoni tipproponi, bħala kwistjoni ta' prijorità, li nikkonċentraw fuq żewġ proġetti kbar:

- (i) Wara l-impjenji li tteħdu minn 19-il Stat Membru lejn il-bini ta' koorti ta' riċerka ta' mill-inqas miljun (1) ġenoma sekwenzata aċċessibbli fl-UE sal-2022⁴⁹, il-Kummissjoni se tappoġġa inizjattiva ta' konnessjoni bejn ir-repożitorji ġenomiċi. Il-Kummissjoni se tappoġġa wkoll it-tiswir ta' reġistri ta' mard rari. Il-konformità u l-interoperabbiltà organizzattivi, regolatorji, tas-sigurtà, etiċi u tekniċi se jkunu kkunsidrati kif xieraq. Dan se jkun strumentali biex jippermetti li jiġu studjati, żviluppata u ppruvati t-teknoloġiji tal-IA bil-ħsieb li jiġi identifikat għarfien ġdid u li jiġu appoġġati r-riċerka klinika u t-teħid ta' deċiżjonijiet.
- (ii) Fl-2020, il-Kummissjoni se tappoġġa – b'koordinazzjoni mal-Istati Membri – l-iżvilupp ta' bażi tad-*data* komuni ta' immāgnijiet tas-saħħa inizjalment iddedikat għall-aktar forom komuni ta' kanċer (anonimizzat, u bbażat fuq għoti tad-*data* mill-pazjenti). Il-ħidma trid tissodisfa l-ħtiġijiet organizzattivi, regolatorji, tas-sigurtà, etiċi u tekniċi kollha. Dan se jkun ikkombinat ma' għodod rilevanti tal-IA li jtejbu d-dijanjożi, it-trattament u s-segwitu.

B'mod ġenerali, il-kontribuzzjoni inizjali tal-UE għal dawn l-inizjattivi se tkun ta' madwar EUR 35 miljun mill-programm Orizzont 2020. L-Istati Membri huma mħeġġa li jinvestu ammont ugwali għal dan.

Dawn l-inizjattivi u l-investimenti se jkunu bażi għal spazju tad-*data* komuni tas-saħħa fuq skala akbar b'appoġġ possibbli, li jibda fl-2021, mill-Programm Ewropa Diġitali.

- ✓ **Ġeoinformazzjoni/Osservazzjoni tad-Dinja:** Il-Programm Copernicus tal-UE huwa l-akbar fornitur dinji ta' informazzjoni ta' monitoraġġ u ta' osservazzjoni tad-dinja. Copernicus adotta politika tad-*data* miftuħa, kompleta u bla ħlas u vara *Servizzi ta' Aċċess għad-Data* u l-*Informazzjoni (DIAS)* avanzati, li jikkollokaw ammont kbir ta' *data* strutturata u ta' kapaċitajiet ta' informatika. Waqt li tibni fuq dan, il-Kummissjoni tipproponi li tiżviluppa u tuża l-kapaċitajiet tal-IA permezz tad-*data* u tal-infrastrutturi ta' Copernicus biex trawwem *servizzi bbażati fuq ġeolokalizzazzjoni* għall-klima, l-agrikoltura, il-kwalità tal-arja, l-emissjonijiet, l-ambjent tal-baħar, il-ġestjoni tal-ilma, is-sigurtà, il-monitoraġġ tal-migrazzjoni u x-xjenza taċ-ċittadini⁵⁰. Se tniedi wkoll inizjattivi biex tappoġġa l-isfruttament ta' *data* u ta' informazzjoni tal-osservazzjoni tad-dinja mħaddma bl-IA fis-settur pubbliku u dak privat.
- ✓ **Data lingwistika:** Ir-riżorsi lingwistiċi tal-Kummissjoni li jintużaw għall-varar tat-traduzzjoni awtomatizzata u għas-servizzi tal-ipproċessar tal-lingwa naturali abilitati permezz tal-IA huma fost l-aktar settijiet tad-*data* li tniżżlu mill-Portal tad-*Data* Ewropew. Biex tkompli ttejjeb tali *servizzi*, il-Kummissjoni qed tippjana li tagħmel disponibbli ammont addizzjonali ta' EUR 10 miljun mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ħalli tiġbor aktar riżorsi lingwistiċi għal-lingwi inqas rappreżentati fuq il-web.

Il-pjattaformi tad-*data* industrijali: Il-Kummissjoni diġà bdiet azzjonijiet ta' Riċerka u ta'

⁴⁹ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/eu-countries-will-cooperate-linking-genomic-databases-across-borders>

⁵⁰ Il-Kummissjoni diġà stabbiliet Ftehim Qafas ta' Sħubija mal-Istati Membri biex jiġu kkofinanzjati l-użu u l-integrazzjoni tad-*data* spazjali minn Copernicus u minn Galileo flimkien mad-*data* disponibbli mill-Istati Membri u minn sorsi oħra.

Żvilupp fuq pjattaformi għall-kondiviżjoni sigura u kkontrollata ta' *data* proprjetarja fl-ambitu ta' Orizzont 2020 inklużi spazji tad-*data* industrijali u spazji tad-*data* personali⁵¹. Abbażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn spazju tad-*data* komuni Ewropew"⁵², ġie ppubblikat sett ta' linji gwida⁵³ bl-għan li jipprovdu sett ta' għodod għall-kondiviżjoni tad-*data* mid-detenturi, mill-utenti, jew mit-tnejn li huma. Waqt li tibni fuq dan, il-Kummissjoni se:

- ✓ Fl-2019, se tappoġġa pjattaformi industrijali diġitali strateġiċi tal-ġenerazzjoni li jmiss permezz ta' proġetti ta' federazzjoni fuq skala kbira b'investiment ta' EUR 50 miljun mill-programm Orizzont 2020.
- ✓ L-Istati Membri huma mħeġġa jikkollegaw l-investimenti nazzjonali eżistenti u pplanati fi pjattaformi b'attivitajiet fil-livell tal-UE sabiex jiġu żgurati t-tkabbir u l-interoperabbiltà.
- ✓ Lil hinn mill-2020, il-Kummissjoni tipproponi li l-Unjoni tikkoinvesti mal-Istati Membri u mas-settur privat fil-ħolqien ta' Spazju komuni tad-*Data* Ewropew li jrendi d-*data* faċilment disponibbli għall-użu mill-ġdid mill-innovaturi, min-negozji u mis-settur pubbliku sa EUR 1 biljun permezz tal-Programm Ewropa Diġitali, bħala parti mit-taqsimha tal-IA tiegħu.
- ✓ Se tingħata attenzjoni partikolari lill-iżvilupp ta' ekosistemi lokali fil-livelli reġjonali u subreġjonali li jiġbru flimkien lin-negozji u lill-SMEs lokali, lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, liċ-ċentri tat-taħriġ, liċ-Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali u lill-infrastrutturi tat-teknoloġija li jiżviluppaw u li jikkondividu algoritmi mħarrġa b'*data* lokali ta' kwalità għolja biex jiġu indirizzati l-problemi lokali. B'dan il-mod it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ jiġu marbuta ma' spazji tad-*data* lokali biex titrawwem l-innovazzjoni.

Ċentru ta' appoġġ għall-kondiviżjoni tad-*data*: Sa nofs l-2019 il-Kummissjoni se tniedi Ċentru ta' Appoġġ għall-kondiviżjoni tad-*data*, biex jipproponi kuntratti mudell għall-kondiviżjoni tad-*data* tas-settur privat, u jipprovdi l-pariri prattiċi, l-aħjar prattiki u l-metodoloġiji għall-kondiviżjoni tad-*data* u l-analitika tad-*data* lill-atturi Ewropej kollha fl-ekonomija tad-*data*.

L-inizjattiva Ewropea ta' Informatika ta' Prestazzjoni Għolja (EuroHPC): Il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jaħdmu flimkien fuq l-implimentazzjoni f'waqtha tal-inizjattiva EuroHPC sabiex tiġi żviluppata l-infrastruttura pan-Ewropea ta' superkompjuters, li se tkun kritika għall-IA.

F. Etika bid-disinn u l-qafas regolatorju

Qafas regolatorju u etiku xieraq u prevedibbli li jiddependi fuq salvagwardji effettivi għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali huwa vitali għaċ-ċittadini biex ikollhom fiduċja fl-IA u għall-kumpaniji, li jkollhom bżonn ta' sigurtà għall-investiment, biex jieħdu opportunitajiet ġodda ta' negozju. Il-prijorità mogħtija lill-aġenda tal-etika, filwaqt li trawwem l-innovazzjoni, għandha l-potenzjal li ssir vantaġġ kompetittiv għan-negozji

⁵¹ ICT-13-2018-2019 tal-[programm ta' ħidma H2020 tat-Teknoloġiji tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni 2018-2020](#)

⁵² <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=COM:2018:0232:FIN>

⁵³ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1539766272141&uri=CELEX%3A52018SC0125>

Ewropej fis-suq globali. Barra minn hekk, l-użu emerġenti tal-IA fis-settur pubbliku huwa destinat ukoll li jqajjem tħassib simili dwar l-etika u dwar id-drittijiet fundamentali li jeħtieġ li jiġi indirizzat fl-istadji avvanzati tal-produzzjoni.

Kif imħabbar fl-istrateġija “Intelliġenza Artifiċjali għall-Ewropa”, il-Kummissjoni inkarigat Grupp ta’ Esperti ta’ Livell Għoli dwar l-IA għat-tfassil ta’ linji gwida dwar l-etika tal-IA⁵⁴. L-ewwel abbozz ta’ dawn il-linji gwida se jitlesta f’Diċembru 2018, u verżjoni finali hija mistennija għal Marzu 2019, wara konsultazzjoni estensiva permezz tal-Alleanza Ewropea tal-IA⁵⁵. Prinċipju ewlieni se jkun l-“etika bid-disinn” li permezz tagħha l-prinċipji etiċi jiġu inkorporati fil-prodotti u fis-servizzi tal-IA sa mill-bidu nett tal-proċess tad-disinn.

Huwa importanti li l-leġiżlazzjoni toffri qafas xieraq lill-innovazzjoni xprunata mill-IA u lill-adozzjoni ta’ soluzzjonijiet imsejsa fuq l-IA, filwaqt li tindirizza r-riskji possibbli li jitqajmu minħabba l-użu, u l-interazzjonijiet mat-teknoloġija, inkluż it-tħassib dwar iċ-ċibersigurtà. Dan ifisser li tipprevedi ċ-“ċibersigurtà” fis-sens tal-prevenzjoni ta’ abbuż (eż. il-hacking jew il-manipulazzjoni tal-algoritmi tal-IA jew il-manipulazzjoni tad-*data* pproċessata permezz tal-algoritmu tal-IA), kif ukoll l-inklużjoni ta’ mekkaniżmi biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-konsumaturi u rimedju effettiv għall-vittmi f’każ ta’ danni u biex jiġu ffaċilitati l-investigazzjonijiet jekk is-sistema tal-IA tkun kompromessa. Ir-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà tal-IA jeħtieġ li jkunu speċifikati u għandhom jibbenefikaw mill-iskema taċ-ċertifikazzjoni skont il-Qafas Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà⁵⁶ li ġie propost. Barra minn hekk, fil-każ ta’ negozji li jaġixxu f’oqsma rilevanti għas-sigurtà (eż. l-istituzzjonijiet finanzjarji, il-produtturi ta’ materjali radjuattivi, eċċ.), l-użu ta’ ċerti prodotti u proċessi tal-IA jservi l-interess pubbliku u għalhekk l-użu tagħhom jista’ jsir obbligatorju.

Qafas adegwat ta’ responsabbiltà u ta’ sikurezza li jggarantixxi livell għoli ta’ sikurezza u mekkaniżmi ta’ rimedju effettiv għall-vittmi f’każ ta’ danni hu essenzjali biex tissawwar il-fiduċja fl-IA.

Barra minn hekk, bis-salvagwardji xierqa fis-seħħ, is-sandboxes regolatorji u metodi oħrajn għall-esperimentazzjoni u għall-iżvilupp tal-politiki jistgħu jaqdu rwol importanti biex iħeġġu l-innovazzjoni bbażata fuq l-IA għal oqsma fejn il-liġi ttiprovdi lill-awtoritajiet regolatorji b’marginjiet suffiċjenti ta’ manuvrar. Fl-2019, se jkun hemm enfasi fuq il-valutazzjoni dwar jekk il-qafas regolatorju fl-Ewropa huwiex tajjeb għall-iskop tat-teknoloġiji abilitati bl-IA b’mod ġenerali u għas-sewqan konness u awtomatizzat b’mod partikolari.

Ftehimiet dwar l-Innovazzjoni⁵⁷ jistgħu jservu ta’ għodod fil-limiti tal-leġiżlazzjoni eżistenti għall-valutazzjoni ta’ ostakli regolatorji marbuta mal-iżvilupp u mal-użu tal-IA. Ftehimiet dwar l-Innovazzjoni huma ftehimiet ta’ kooperazzjoni volontarja bejn l-UE, l-innovaturi, u l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali. L-għan ta’ Ftehim dwar l-Innovazzjoni hu li jinkiseb fehim fil-fond ta’ kif regola jew regolament tal-UE tiffunzjona/jiffunzjona fil-prattika. Jekk rjinstab li r-regola jew ir-regolament tkun/ikun ostaklu għall-innovazzjonijiet, il-ftehim jagħmel dan viżibbli u jalimenta l-azzjoni ulterjuri possibbli.

⁵⁴ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/high-level-expert-group-artificial-intelligence>. Din il-ħidma se tkompli tibni fuq il-ħidma tal-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u t-Teknoloġiji l-Ġodda. http://ec.europa.eu/research/ege/pdf/ege_ai_statement_2018.pdf

⁵⁵ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/european-ai-alliance>

⁵⁶ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/eu-cybersecurity-certification-framework>

⁵⁷ https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/law-and-regulations/identifying-barriers-innovation_en

Elementi importanti oħra għall-ħolqien ta' suq domestiku Ewropew integrat għal prodotti, servizzi u applikazzjonijiet imtejba bl-IA huma, pereżempju, il-protezzjoni u l-privatezza tad-*data*⁵⁸, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-konformità mad-dritt tal-kompetizzjoni permezz tad-disinn. Barra minn hekk, il-kunsiderazzjonijiet importanti għall-iżvilupp u għall-użu tal-IA b'mod partikolari f'oqsma b'riskju għoli soċjetali u politiku huma relatati mal-ġustizzja, mat-trasparenza u mar-responsabbiltà għat-teħid ta' deċizzjonijiet b'mod algoritmiku u għall-mudelli relatati ta' governanza⁵⁹ kif ukoll l-impatt tal-IA fuq l-imġiba tal-bniedem⁶⁰.

Fl-aħħar nett, il-kwistjonijiet ta' proprjetà intellettuali (IPR) għandhom jiġu esplorati wkoll, biex jiġi żgurat li l-qafas regolatorju relatat jindirizza kif suppost għadd ta' sfidi li huma speċifiċi għall-IA, u għalhekk ikun jista' jipprova l-iżvilupp tiegħu b'mod effettiv.

Etika bid-disinn u l-qafas regolatorju

- ✓ Il-Kummissjoni inkarigat Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-IA għat-tfassil ta' **linji gwida dwar l-etika tal-IA**. Verżjoni finali hija mistennija għal Marzu 2019.
- ✓ Il-Kummissjoni se tirrispetta bis-sħiħ u tankra l-prinċipju ta' "etika bid-disinn" fis-sejthet għal proposti tagħha li jittrattaw l-intelliġenza artifiċjali.
- ✓ **Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis il-kontribut mill-Istati Membri, qed tivvaluta jekk u sa liema punt il-leġiżlazzjoni eżistenti hija adattata għall-iskop tagħha** sabiex tippermetti opportunitajiet ġodda u jiġu indirizzati l-isfidi mqajma mill-IA, filwaqt li jittqiesu r-rakkomandazzjonijiet ta' politika proposti mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-IA.
- ✓ Sa nofs l-2019, il-Kummissjoni se tippubblika rapport dwar in-nuqqasijiet potenzjali u l-orjentazzjonijiet għall-qafas ta' responsabbiltà u ta' sikurezza għall-IA.
- ✓ Il-Kummissjoni hija lesta li tappoġġa lill-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli tal-UE għall-iżvilupp u għall-iskjerament tal-IA, pereżempju fl-oqsma tal-kompetizzjoni u tal-għajnuna mill-Istat, fejn ikun meħtieġ u fil-format xieraq.
- ✓ **Fl-2019, l-Istati Membri u l-Kummissjoni se jiddiskutu dwar il-ħolqien ta' ambjenti⁶¹ li jstimolaw l-innovazzjoni bħal sandboxes regolatorji⁶², u l-**

⁵⁸ Nibnu fuq il-bażi tal-qafas regolatorju eżistenti bħar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data li daħal fis-seħħ f'Mejju 2018.

⁵⁹ Approċċi regolatorji fir-[Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data](#), id-[Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji](#), il-[proposta għal regolament dwar il-promozzjoni tal-ġustizzja u t-trasparenza għall-utenti tan-negozju ta' servizzi intermedjarji onlajn](#), il-proposta għal [Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar miżuri biex jiġi miġġieled b'mod effettiv il-kontenut onlajn illegali](#) Ikoll jistabbilixxu preċedent u mudelli għat-trasparenza u għall-valutazzjoni u għall-ġestjoni tar-riskji li jkunu tabilħaqq siewja. Il-Kummissjoni qed tesplora wkoll (appoġġata mill-proġett pilota AlgoAware tal-Parlament Ewropew) oqsma ta' tħassib u opportunitajiet fit-teħid ta' deċizzjonijiet algoritmiċi fl-ambjent tal-pjattaformi onlajn, fejn approċċi differenti għat-trasparenza, għall-ġustizzja u għar-responsabbiltà li tabilħaqq ikunu siewja u jistgħu jsaħħu l-fiduċja. L-analiżi qed tikkunsidra b'attenzjoni l-bilanċ stabbilit mill-qafas regolatorju fis-seħħ u l-infurzar tar-regoli reċenti, kif ukoll l-iżviluppi tekniċi, tas-suq u soċjetali, u l-esplorazzjoni tal-għodod regolatorji u ta' politika.

⁶⁰ Il-proġett HUMAIN taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għandu l-għan li jifhem l-impatt tal-IA fuq l-imġiba tal-bniedem, b'enfasi fuq il-kapaċitajiet konjittivi u soċjoemozzjonali u t-teħid tad-deċizzjonijiet (<https://ec.europa.eu/jrc/communities/community/humaint>).

⁶¹ Filwaqt li s-sandboxing regolatorju huwa għodda b'saħħitha u xi drabi meħtieġa, f'ċirkustanzi oħra l-innovazzjoni tista' tiġi appoġġata b'approċċi mhux daqstant vigorużi bħal ċentri ta' innovazzjoni u laboratorji tal-politika li jagħtu pariri u li jipparteċipaw b'mod pjuttost Prattiku.

⁶² Għal xi oqsma magħżula l-liġi tipprovdi awtorità regolatorja b'marġni suffiċjenti ta' manuvrar.

arranġamenti għall-ittejtjar pubbliku għal applikazzjonijiet speċifiċi tal-IA fl-Ewropa. Wara dawn id-diskussjonijiet l-Istati Membri se jkunu mħeġġa joħolqu dawn l-ambjenti u l-arranġamenti tal-ittejtjar pubbliku għal soluzzjonijiet tal-IA sa tmiem l-2020. Għal dan l-għan, l-Istati Membri se jiġu mħeġġa jistabilixxu punt ta' kuntatt waħdieni għall-kumpaniji li qegħdin jiżviluppaw applikazzjonijiet tal-IA biex jiġu diskussi l-ħtiġijiet speċifiċi għall-ħolqien ta' dawn l-ambjenti u l-arranġamenti tal-ittejtjar.

G. L-IA għas-Settur Pubbliku

L-applikazzjonijiet tal-IA jistgħu jikkontribwixxu għal servizzi pubbliċi aħjar f'varjetà ta' modi, pereżempju billi jippermettu kapaċitajiet analitiċi iktar intelliġenti u fehim aħjar ta' proċessi f'ħin reali (eż. fil-popolazzjoni, fl-ekonomija, fl-ambjent u fit-tibdil fil-klima) fl-ekonomija, fis-soċjetà u fl-ambjent, inkluż l-identifikazzjoni ta' attivitajiet kriminali bħall-frodi tat-taxxa u l-ħasil tal-flus.

Is-soluzzjonijiet abilitati bl-IA jistgħu jipprovdu feedback aktar malajr u aktar rikk għal-livelli kollha ta' governanza, u jipprovdu opportunità ta' għoti ta' servizz aktar imħaffef, effettiv u effiċjenti. Dawn għandhom il-potenzjal li:

- iżidu l-kwalità u l-konsistenza tas-servizzi mogħtija,
- itejbu t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika,
- jippermettu interventi aktar effiċjenti u mmirati,
- itejbu l-effiċjenza u l-effettività tal-akkwist pubbliku, u
- jsaħħu s-sigurtà u l-ġestjoni tal-identità, kif ukoll itejbu s-servizzi tas-saħħa u tal-impjeg.

Għall-benefiċjarji tal-appoġġ pubbliku, deċiżjoni abilitata bl-IA tista' tissimplifika r-relazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-benefiċjarji permezz tal-integrazzjoni ta' interess pubbliku usa' jew kunsiderazzjonijiet regolatorji fit-teħid tad-deċiżjonijiet ta' kuljum (permezz ta' komunikazzjoni mmirata, imbuttaturi komportamentali, eċċ.)

L-IA tista' ttejjeb l-interazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-gvern permezz tas-sistemi ta' konversazzjoni (inklużi assistenti diġitali u chatbots tal-gvern), is-servizzi multilingwi u t-traduzzjoni awtomatizzata. Qed isiru wkoll sforzi biex l-IA tiġi applikata fis-settur soċjali u tas-saħħa, biex din tappoġġa t-teħid tad-deċiżjonijiet tat-tobba, jew biex tappoġġa r-rikonossiment bikri tal-marġinalizzazzjoni taż-żgħażaġh⁶³.

Kif spjegat hawn fuq, qed jiġu proposti miżuri konkreti biex id-*data* tas-settur pubbliku tkun aċċessibbli għall-użu minn applikazzjonijiet tal-IA f'oqsma ta' interess pubbliku bħall-immaġnijiet mediċi jew il-ġenomika.

L-Istati Membri huma mħeġġa jinvolvu ruħhom fl-apprendiment bejn il-pari ma' Stati Membri oħra, speċjalment fir-rigward ta' sandboxes regolatorji u arranġamenti tal-ittejtjar.

L-IA għas-settur pubbliku

✓ Filwaqt li tkabbar u tibni fuq l-investimenti attwali impenjati fl-ambitu tal-azzjonijiet ta'

⁶³ <https://www.sitra.fi/en/news/artificial-intelligence-based-systems-help-achieve-better-services-cost-savings-social-health-sector/>

Infrastruttura tas-Servizz Diġitali fil-Programm attwali tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u fil-Programm ISA², l-Unjoni progressivament se żżid l-isforzi għall-adozzjoni tal-IA f'oqsma ta' interess pubbliku, bħall-kura tas-saħħa, it-trasport, is-sigurtà u l-edukazzjoni. Lil hinn mill-2020, l-Istati Membri u l-Unjoni se jikkoinvestu fl-iskjerament sħiħ ta' servizzi abilitati bl-IA fl-UE kollha f'oqsma ta' interess pubbliku, fl-ambitu tal-Programm propost tal-Ewropa Diġitali.

- ✓ **Fl-2019, l-Istati Membri u l-Kummissjoni qed jippjanaw li jinvolvu ruħhom fl-apprendiment bejn il-pari** u fi skambju mifrux mal-UE tal-aħjar prattiki, tal-esperjenzi u tad-*data*⁶⁴. Dawn se jaħdmu flimkien biex jagħtu ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjonijiet rilevanti li huma diġà fis-seħħ fl-Istati Membri, kif ukoll lejn l-impatt u l-valur miżjud tagħhom b'appoġġ għat-twassil tas-servizz pubbliku. Il-Kummissjoni hija wkoll lesta li tgħin lix-xerrejja pubbliċi, pereżempju permezz tat-twaqqif ta' ċentru ta' assistenza għax-xiri tal-IA u għal soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà. Eżempju konkret huwa l-qafas tan-Netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES), fejn il-PES nazzjonali se jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar l-IA fit-twassil tas-servizzi, fit-tqabbil u fil-proċessi awtomatiċi⁶⁵.
- ✓ **L-Istati Membri huma mħeġġa jaħdmu mal-Kummissjoni sabiex jidentifikaw oqsma għall-akkwist konġunt ta' soluzzjonijiet tal-IA**, li jwasslu għal kisbiet fl-effiċjenza u għal valur aħjar għall-flus. Eżempju konkret huma s-sistemi ta' awtokorrezzjoni mħaddma bl-IA fiċ-ċibersigurtà fejn is-setgħa ta' xiri kkombinata tal-Unjoni u tal-Istati Membri kollha tista' tiffaċilita l-iżvilupp u t-tkabbir ta' soluzzjonijiet żviluppatti fl-UE. L-għan huwa li jinħareġ rapport konġunt sa nofs l-2019 biex jiddeskrivi l-oqsma fejn l-akkwist konġunt huwa previst. Lil hinn mill-2020, il-Kummissjoni tipproponi li tibda l-ħidma tagħha fl-ambitu tal-Programm il-ġdid ta' Ewropa Diġitali.
- ✓ **Fl-2019, il-Kummissjoni qed tippjana li toffri l-eTranslation**, is-servizz tat-traduzzjoni awtomatika abilitat bl-IA żviluppata fl-ambitu tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, lill-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Istati Membri. Il-proposti tal-Kummissjoni għall-programmi Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali jipprevedu investimenti fl-iżvilupp ulterjuri ta' servizzi u ta' għodod ta' pproċessar tal-lingwi naturali biex jittejjeb il-multilingwiżmu fis-settur pubbliku.
- ✓ **Fl-2020**, b'konformità mad-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Tallinn dwar il-gvern elettroniku, l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, u b'mod partikolari bi sfruttament tar-rwol tad-DIHs proposti fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, l-Istati Membri huma mħeġġa jiddedikaw riżorsi għall-esperimentazzjoni b'servizzi abilitati bl-IA biex jiġi mifhum aħjar il-valur miżjud u l-impatt potenzjali tas-servizzi pubbliċi u tat-tfassil tal-politiki abilitati bl-IA. Is-soluzzjonijiet imsejsa fuq l-IA se jkunu

⁶⁴ Il-Kummissjoni Ewropea qed tagħmel dak li qalet billi tiskjera azzjonijiet fil-pjan ta' azzjoni AI@EC biex tappoġġa l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet tal-IA fis-Sistemi Trans-Ewropej (TES) li jappoġġaw oqsma ewlenin ta' politika tal-UE b'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

⁶⁵ It-tieni eżempju huwa l-attività prevista fl-ambitu ta' AI Watch biex tiġi żviluppata metodoloġija biex tidentifika r-riskji u l-opportunitajiet, il-katalizzaturi u l-ostakli tal-użu tal-IA fit-twassil tas-servizz pubbliku; l-AI Watch se jagħti ħarsa ġenerali lejn l-użu u l-valur miżjud tal-għodod tal-IA li jappoġġaw it-twassil tas-servizzi pubbliċi billi jagħti ħarsa lejn l-aktar eżempji rilevanti fis-servizzi pubbliċi prijoritizzati. Abbażi tar-riżultati miksuba mill-analiżi, dan il-kompitu se jfassal rakkomandazzjonijiet dwar it-triq 'il quddiem għal aktar żvilupp ta' sistemi u ta' soluzzjonijiet tal-gvern ibbażati fuq l-IA. Eżempju ieħor huwa l-inizjattivi ta' koinnovazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri fir-rigward tal-iskjerament ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA għal servizzi pubbliċi intelliġenti.

ta' benefiċċju wkoll għas-setturi tal-gustizzja⁶⁶ u tal-infurzar tal-liġi. Applikazzjoni pubblika oħra promettenti fis-settur pubbliku hija l-monitoraġġ u l-infurzar tar-regoli tas-suq uniku għall-oġġetti, għas-servizzi u għall-persuni.

- ✓ **L-Istati Membri u l-Kummissjoni** qed jipplanaw li jkomplu jiżviluppaw soluzzjonijiet integrati għall-osservazzjoni tad-dinja u għall-apprendiment bil-magni permezz tal-IA biex jappoġġaw it-tfassil tal-politika, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ f'oqsma bħat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-ambjent, l-agrikoltura, l-iżvilupp urban, ir-rispons għad-diżastri, il-migrazzjoni u l-monitoraġġ tal-infrastruttura.

H. Kooperazzjoni internazzjonali

Hekk kif bħalissa l-IA qed tiġi diskussa madwar id-dinja kollha u f'ħafna fora internazzjonali bħalma huma n-NU, l-OECD, il-G7 jew l-G20⁶⁷, is-sensibilizzazzjoni internazzjonali hija ta' importanza kruċjali. L-iżvilupp tal-IA se jibbenefika mill-kooperazzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fost il-pajjiżi avvanzati b'saħħithom fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fl-investimenti fl-IA. L-iżvilupp konġunt ta' standards internazzjonali se jiffaċilita l-iskjerament u l-aċċettazzjoni tal-IA. L-Unjoni se tippromwovi linji gwida internazzjonali dwar l-etika tal-IA u se tiftaħ djalogu u kooperazzjoni mal-pajjiżi li mhumiex membri tal-UE u mal-partijiet ikkonċernati kollha minn pajjiżi terzi li huma lesti li jikkondividu l-istess valuri.

Biex dawn l-isforzi jirnexxu, madankollu, l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jippruvaw jallinjaw l-isforzi ta' sensibilizzazzjoni bilaterali relatati mal-IA bejn l-Istati Membri individwali u l-pajjiżi terzi u jgħaqqdu l-isforzi tagħhom favur l-iżvilupp responsabbli tal-IA fil-livell globali. Jeħtieġ li l-Unjoni titkellem b'vuċi waħda dwar dan is-suġġett mal-pajjiżi terzi u mad-dinja kollha kemm hi. F'sinerġija ma' attivitajiet tal-Istati Membri, l-UE għandha wkoll tfittex alleanzi mal-partijiet ikkonċernati – il-kumpaniji teknoloġiċi, l-akkademiċi u partijiet oħra – biex jinvolvu ruħhom f'alleanza ta' diversi partijiet ikkonċernati fil-livell globali sabiex ikun hemm IA responsabbli.

Barra minn hekk, l-Unjoni se torganizza laqgħa ministerjali internazzjonali dwar l-IA fl-ewwel nofs tal-2019 bl-għan li jitrawwem kunsens globali dwar l-implikazzjonijiet etiċi tal-IA. Barra minn hekk, l-UE qed tuża l-Istrument tal-Politika Barranija tagħha biex timpenja ruħha ma' sħab internazzjonali fir-rigward ta' kwistjonijiet regolatorji u etiċi. Xi Stati Membri jipproponu proċess intergovernattiv simili għall-panel dwar it-Tibdil fil-Klima. Rigward id-dimensjoni tas-sigurtà internazzjonali, il-politika dwar l-IA se tibni fuq il-ħidma tar-Rappreżentant Għoli fil-Global Tech Panel u fin-Nazzjonijiet Uniti u f'fora multilaterali oħra.

Fl-aħħar nett, l-Unjoni se tikkontribwixxi l-għarfien espert u l-mezzi finanzjarji ddedikati tagħha sabiex l-IA tkun ankrata aktar fis-sod fil-**politika dwar l-iżvilupp**. L-intelliġenza artifiċjali hija destinata li tagħti kontribuzzjonijiet b'impatt għall-isfidi globali kif ukoll għall-politika dwar l-iżvilupp. Il-biedja bi preċiżjoni mħaddma bl-IA, pereżempju, tipprometti tnaqqis tal-pestiċidi, tal-fertilizzanti u tal-konsum tal-ilma, u dan jagħmilha teknoloġija ideali biex tiġi mgħejjuna l-popolazzjoni li qed tikber fid-dinja li qed tiżviluppa. L-IA tista' wkoll tintuża biex timmudella t-temp, il-klima u fenomeni naturali oħrajn biex il-popolazzjonijiet lokali jkunu jistgħu eż. jiġi mwissija f'każ ta' kundizzjonijiet estremi tat-temp jew diżastri

⁶⁶ Eż. is-soluzzjonijiet ibbażati fuq implimentazzjonijiet tat-tbassir tal-ġustizzja u fuq applikazzjonijiet LegalTech.

⁶⁷ ISO/IEC JTC1/SC 42

imminenti u jadattaw għalihom minn qabel. L-IA u t-teknoloġġi diġitali jistgħu jirfdu soluzzjonijiet ta' teknoloġija avvanzata affordabbli inkluż għal persuni f'ċirkostanzi prekarji, filwaqt li jiġu rrispettati l-kwistjonijiet etiċi u ta' privatezza.

Kooperazzjoni Internazzjonali

- ✓ L-Unjoni se tagħmel kuntatt mas-**sħab internazzjonali tagħha u se tippromwovi linji gwida dwar l-etika tal-IA** internazzjonalment matul l-2019.
- ✓ L-Istati Membri u l-Unjoni huma mħeġġa jallinjaw l-isforzi ta' sensibilizzazzjoni internazzjonali tagħhom dwar l-IA u jiżguraw li l-Ewropa tibgħat messaġġi konsistenti lid-dinja.
- ✓ L-Unjoni se torganizza **laqgħa ministerjali internazzjonali dwar l-IA fl-2019** bl-għan li jitrawwem kunsens globali dwar l-implikazzjonijiet etiċi tal-IA.
- ✓ L-Unjoni se tikkontribwixxi bl-għarfien espert u bil-mezzi finanzjarji ddedikati tagħha sabiex tankra aktar fis-sod l-IA fil-**politika dwar l-iżvilupp**. Se tingħata attenzjoni partikolari lill-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran u lill-Afrika.

Ħoloq:

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Intelliġenza Artifiċjali għall-Ewropa”

<https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/communication-artificial-intelligence-europe>

Id-dikjarazzjoni ta' kooperazzjoni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali

<https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/eu-member-states-sign-cooperate-artificial-intelligence>

L-Alleanza tal-IA

<https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/european-ai-alliance>